Vol 32
Nru 174
Ottubru - Diċembru 2011

# L-ART Imqaddsa

RIVISTA BIBLIKA



L-Art Imqaddsa

Rivista Biblika
li toħroġ kull tliet xhur
mill-Kummissarjat tal-Art
Imqaddsa tal-Provinċja
Franġiskana Maltija

EDITUR:
P. Twanny Chircop OFM
Kummissarju
tal-Art Imqaddsa

BORD EDITORJAL:
P. Marcello Ghirlando OFM
P. Noel Muscat OFM
Mr. Louis Casha

DISTRIBUZZJONI:
Fra. Lorrie Zerafa OFM

ABBONAMENT:
€10 fis-sena
€15 jew aktar Sostenitur

Kummissarjat
tal-Art Imqaddsa
8, Triq Santa Luċija,
Valletta, VLT 1213
Malta.
Tel: 2124 2254

DISINN U STAMPAR:
Best Print Co. Ltd

Il-Materjal kollu li
jidher f'din ir-Rivista huwa
Copyright © tal-Kummis-
sarjat tal-Art Imqaddsa u
l-Edizzjoni TAU, 2011

comalt@ofm.org.mt
www.ofm.org.mt

Qoxra Quddiem:
*Il-Madonna*
*tal-Karmelu - Haifa*

# Werrej



15



24



27

32




6 Haifa u s-Santwarju tal-Madonna tal-Karmelu

15 Messaġġiera ta' Alla

24 Nitħejju għall-Miġja tal-Mulej

27 Ekumeniżmu u Djalogu Inter-Reliġjuż fil-*Verbum Domini*

32 Il-Lhud fl-Evanġelju skont San Mark

38 Iż-Żwieġ fl-Iskrittura (3)




38

# Editorjal

ta' P. Twanny Chircop ofm



## Stat Għall-Palestinjani?

Fit-23 ta' Settembru li għadda l-President tal-Awtorità Palestinjana, Mahmoud Abbas, ippreżenta quddiem il-Kunsill Ġenerali tal-Ġnus Magħquda t-talba formali biex l-Awtorità Palestinjana tiġi milqugħa bħala membru bi dritt fl-Organizzazzjoni tal-Ġnus Magħquda. Dan ifisser li l-komunità internazzjonali tirrikonoxxi 'l Palestina bħala Stat sovran, bi fruntieri stabbiliti fuq il-linja immarkata wara l-konflitt tal-1967 meta Israel okkupa x-Xatt tal-Punent u l-Istrixxa ta' Gaza. Ifisser, fuq kollox, li tiġi rrikonoxxuta bħala belt kapitali tal-Istat Palestinjan Ġerusalemm tal-Lvant.

It-talba formali ta' Abbas issa tressqet quddiem il-Kunsill tas-Sigurtà tal-Ġnus Magħquda. Il-possibilità li tiġi approvata hi remota ħafna, għax irid jgħaddi ħafna żmien u diskussjonijiet, u hemm intopp kbir li jrid jintrebaħ. L-Istati Uniti tal-Amerika, għalkemm spiss jitkellmu mid-dritt tal-Palestinjani li jkollhom Stat indipendenti bi fruntieri żguri, issa qed jgħidu li huma jistgħu jixħtu l-*veto* tagħhom għal din il-proposta, billi din hi mossa unilaterali, li titraskura r-rieda tal-Istat ta' Israel u li l-indipendenza Palestinjana għanda tinkiseb permezz ta' negozjati diretti bejn iż-żewġ partijiet u mhux permezz ta' dikjarazzjonijiet fil-Ġnus Magħquda.

Il-Prim Ministru Israeljan Benyamin Netanjahu tkellem dwar din il-proposta. Hu wera b'mod qawwi li Israel qatt ma jista' jilqagħha, għax ma tiħux in kunsiderazzjoni

*...editorjal*

## *Stat Għall-Palestinjani?*





l-bżonn li Israel ikollu assikurazzjoni ta' ftehim ta' paċi mal-Palestinjani qabel ma dawn jiddikjaraw Stat indipendenti. Netanjahu wera kif Israel hu pajjiż hekk żgħir li jkun impossibbli li jħares is-sigurtà tiegħu jekk il-Palestinjani jieħdu f'idejhom l-għoljiet tal-Lhudija u tas-Samarija (ix-Xatt tal-Punent), li Israel okkupa fl-1967, għax minn fuqhom jistgħu jimmiraw armi fuq it-territorju Israeljan fil-pjanura, fejn hemm bliet importanti bħal Tel Aviv u wkoll l-ajruport internazzjonali ta' Ben Gurion. Israel irid ukoll li l-Wied tax-Xmara Ġordan, li suppost jimmarka l-fruntiera naturali bejn l-Istat Palestinjan u l-Ġordanja, jibqa' żona militari taħt il-ħarsien tal-*Israeli Defence Forces*. Fuq kollox Israel qatt ma jilqa' t-talba li Ġerusalemm tinqasam mill-ġdid f'parti Israeljana u parti Palestinjana. L-insedjamenti (*settlements*) kbar li Israel bena madwar Ġerusalemm (Ma'aleh Adummim, Gilo, Gush Etzyon, Efrata) fihom eluf ta' abitanti, u Israel irid li jibqgħu parti mit-territorju Israeljan. Netanjahu

sostna li l-problema mal-Palestinjani mhijiex dik tal-insedjamenti imma dik ta' paċi dejjiema mibnija fuq garanzija ta' sigurtà.

Dan kollu juri kemm il-ħolma ta' soluzzjoni għall-konflitt Israeljan-Palestinjan għadha 'l bogħod. Il-komunità internazzjonali sa issa dejjem ħarġet stqarrijiet favur id-drittijiet taż-żewġ popli li jgħixu maġenb xulxin fis-sigurtà, imma nafu li dan kien biss kliem vojt li m'għadu jikkonvinci lil ħadd. Ħarsa lejn il-ġeografija ta' Israel u t-Territorji Palestinjani turi kemm issa se ssir ħaġa kważi impossibbli li l-Palestinjani jingħataw Stat li verament jista' jissejjaħ indipendenti. Kif jista' jkun indipendenti u sovran Stat li m'għandux kontinwità ġeografika imma maqsum fi tliet sezzjonijiet distinti (Gaza, Xatt tal-Punent fuq it-tramuntana ta' Ramallah, Xatt tal-Punent fuq in-nofsinhar ta' Betleħem), li m'għandux fruntiera ma' ħadd ħlief ma' Israel li jdawwru minn kullimkien b'ħajt tal-konkrit u "barbed wire" li Israel isejjaħlu *security fence*, li jrid ikun Stat demilitarizzat f'nofs pajjiż li kulħadd jaf li hu qawwa nukleari fid-dinja, li jkun Stat bla ajruport, bla port, bla ibħra territorjali, bla spazju tal-ajru, li jrid jiddependi minn Israel għad-dawl, ilma u telefon, li hu nieqes mill-infrastruttura u toroq, li fih kull kummerċ irid jgħaddi miċ-*checkpoints* Israeljani, li l-abitanti tiegħu ma għandhomx libertà ta' moviment lanqas fl-istess konfini tat-territorju tagħhom stess, li ma jitħalliex ikollu bħala belt kapitali tiegħu l-parti ta' Ġerusalemm li minn dejjem kienet abitata mill-Palestinjani, u li fih mhux se jitħallew jidħlu dawk li spiċċaw refuġjati fil-gwerer tal-1948 u l-1967?

Il-gvern Israeljan irid bil-qawwa li l-komunità internazzjonali tirrikonoxxi Israel bħala Stat Lhudi. Imma xi jfisser dan, meta f'Israel jgħixu almenu miljun u nofs Għarbi li huma ċittadini ta' Israel, imma li qatt ma jistgħu jħossuhom Lhud? Liema pajjiż fid-dinja jippretendi li l-abitanti tiegħu jirrikonoxxu l-identità tiegħu b'mod esklużiv hekk li jispiċċaw iħossuhom barranin f'darhom stess għax mhumiex tal-etnija, jew lingwa, jew reliġjon tal-maġġoranza? Wieħed jieħu l-impressjoni li Israel qiegħed jagħmel l-affarijiet impossibbli għall-Palestinjani li xi darba jieħdu indipendenza u Stat għalihom.

Irridu nammettu li l-Palestinjani għamlu żbalji kbar fl-istorja tagħhom. Nafu bil-firda li hemm bejn iż-żewġ partiti ta' Fatah u Ħamas, u bl-intransiġenza ta' Ħamas li ma jridux jirrikonoxxu l-Istat ta' Israel fuq il-fruntieri li ngħata fl-1948. Dawn huma pożizzjonijiet estremi li jfixklu t-trattattivi tal-paċi. Imma l-istess huma estremi l-pożizzjonijiet tal-gvern ta' Netanjahu li jkompli jinsisti li jrid ikabbar l-insedjamenti madwar Ġerusalemm u li jrid il-Palestinjani fuq il-mejda tat-trattattivi b'idejhom vojta biex jagħtihom karità flok dak li hu tagħhom bi dritt.

Hu importanti li wieħed ikun konxju minn din is-sitwazzjoni biex jifhem li soluzzjoni għall-problema tal-Lvant Nofsani hi diffiċli għax tonqos ir-rieda tajba. Il-preżenza Kristjana fl-Art Imqaddsa, li adattat ruħha għal tant tibdil matul sekli twal l-aktar bix-xhieda tal-Patrijiet Franġiskani, hi sinjal ta' tama li l-konvivenza bejn il-popli hi possibbli jekk hemm rieda tajba. Forsi s-soluzzjoni għall-problema mhijiex politika imma umana. U fejn tidħol l-umanità tidħol it-tolleranza li l-Kristjaneżmu hu garanzija tagħha.



# HAIFA U S-SANTWARJU TAL-MADONNA TAL-KARMELU

*Noel Muscat ofm*

Is-Santwarju tal-Verġni Marija tal-Karmelu jinsab f'tarf il-promontorju tal-Għoljiet tal-Karmelu, fuq il-belt moderna ta' Haifa, fl-Istat ta' Israel. Is-santwarju jħares fuq il-port ta' Haifa u l-baħar Mediterran, fuq dan il-promontorju mimli siġar li joħroġ fuq il-baħar, u li hu marbut mal-istorja biblika u mal-istorja tal-Kristjaneżimu fl-Art Imqaddsa.

## Il-belt ta' Haifa

Haifa hi l-port prinċipali ta' Israel u wieħed mill-aktar ċentri importanti ta' komunikazzjoni u kummerċ fil-pajjiż. Hi belt moderna, mibnija fi stil oċċidentali, b'ħafna bini għoli jixxabbat mal-muntanja, u b'ħafna spazji miftuħin mimlijin siġar u ġonna pubbliċi, fuq l-isfond tal-Għoljiet tal-Karmelu li jogħlew fuq il-belt. Haifa u ż-żona metropolitana tagħha għandhom popolazzjoni ta' aktar minn 600 elf abitant, u dan il-fattur jagħmel minn Haifa it-tielet belt ta' Israel wara Tel Aviv u Ġerusalemm.

Haifa hi famuża għas-Santwarju tas-setta Baha'i u għall-Ġonna meraviljużi li jinżlu minn dan il-monument forma ta' koppla ħamra lejn it-triq prinċipali li twassal fil-port. Il-ġonna donnhom jixxabbtu mal-muntanja, fuq stil ta' Ġonna Persjani. Taħt il-koppla ħamra hemm il-qabar ta' Bab, il-fundatur Persjan tas-setta tal-Baha'i, li ġie maqtul iffuċilat fl-1850. B'hekk Haifa saret iċ-ċentru amministrattiv u kultwali tas-setta tal-Baha'i, li l-membri tagħha jemmnu fl-unità tar-reliġjonijiet kollha u tal-messaġġiera ta' Alla, inklużi Mosè, Ġesù, u Muħammad. Dan il-memorjal inbena fl-1948-1953, u l-Ġonna Baha'i saru fl-1990 u fis-sena 2001 saru Sit ta' Wirt Dinji tal-UNESCO.

## L-Għoljiet tal-Karmelu

L-Għoljiet tal-Karmelu (bil-Lhudi Har Hacarmel, kelma li tfisser "Għolja tad-Dielja ta' Alla", bl-Għarbi Djebel Mar Elias, "Għolja ta' Sant'Elija") huma sensiela ta' għoljiet li, fuq in-naħa interna jestendu ruħhom għal 39 kilometri minn Jenin fuq ix-xlokk f'direzzjoni lejn il-majjistral sa ma jintemmu fil-promontorju tal-Karmelu. Fuq ix-xaqliba tal-baħar Mediterran l-għoljiet jibdew mill-Għoljiet ta' Kurkar viċin Cesarija Marittima u jibqgħu telgħin lejn il-promontorju ta' fuq Haifa għal tul ta' 19-il kilometru. L-Għoljiet huma wesgħin minn 6.5 sa 8 kilometri. Fuq ix-xaqliba tal-grigal is-sensiela ta' Għoljiet jiffurmaw tarġa ġeoloġika li togħla 546 metri fuq il-Wied ta' Yizre'el (Pjanura ta' Esdrelon).

It-tarġa tal-Karmelu hi żona ġeoloġika li hi attiva ħafna mil-lat sismiku. Il-ġeoloġija ta' Israel hi karatterizzata mill-Wied tal-Baħar il-Mejjet, li hu qasma naturali (ħondoq) bejn il-plakka kontinentali Arabika (il-muntanji tal-Ġordanja) u l-plakka kontinentali Afrikana (l-għoljiet tal-Lhudija u s-Samarija f'Israel u l-Palestina). Din il-qasma naturali fil-krosta terrestri tibda mill-Baħar l-Aħmar, tibqa' tiela' tul il-Wied tan-Negev, taqsam il-Baħar il-Mejjet, tkompli tul il-Wied tax-Xmara Ġordan, tidħol fl-Għadira tal-Galilija, u tkompli tiela' lejn it-tramuntana fil-Wied ta' Hula u fil-Wied ta' Beka'a fil-Libanu, u tintemm quddiem il-muntanji Taurus fit-Turkija. Hu għal din ir-raġuni li, tul din il-qasma ġeoloġika, huma komuni fenomeni sismiċi bħal terremoti, li ta' spiss jissemmew ukoll fil-Bibbja. Fit-tramuntana ta' Israel




*Statwa ta' Elija - Muhraka*

l-għafsa tal-plakki kontinentali li jħokku kontra xulxin u joħolqu tensjoni kbira, tipproduċi qasmiet sekondarji f'direzzjoni mix-xlokk lejn il-majjistral, partikularment evidenti fit-tarġa naturali tal-Karmelu-Tirza, li testendi ruħha tul l-Għoljiet kollha tal-Karmelu, taħt Haifa, u tibqa' ħierġa fil-Bajja ta' Haifa u l-Baħar Mediterran. It-tarġa ġeoloġika tal-Karmelu hi waħda mill-fatturi ġeoloġiċi ewlenin tat-tramuntana ta' Israel u hi kkaratterizzata minn attività sismika kontinwa.

L-Għoljiet tal-Karmelu huma wkoll importanti bħala park naturali f'Israel. Il-veġitazzjoni abbundanti u s-siġar ta' dawn l-għoljiet baqgħu famużi tul l-istorja. F'Diċembru 2010, wara sena ta' nixfa kbira, nirien kbar fil-foresti qerdu diversi ettari tal-bosk b'eluf ta' siġar u kienu wkoll il-kawża ta' ħsarat lill-proprjetà. In-nirien qatlu 42 persuna.

Mill-1929 sal-1934 Dorothy Garrod skavat erba' għerien fl-Għoljiet tal-Karmelu, fejn instabu fdalijiet tal-bniedem Neanderthal, partikolarment f'et-Talbun, fejn instab skeletru ta' mara Neanderthal li jmur lura għall-epoka Paleolitika, jiġifieri 600 elf sena ilu. Din kienet waħda mill-aktar sejbiet importanti ta' fossili umani. Instabu wkoll diversi postijiet ta' dfin ta' bnedmin Neanderthal u Homo Sapiens, li huma prova li l-Għoljiet tal-Karmelu kienu fost l-ewwel postijiet li fihom il-bnedmin kienu jgħixu bħala bdiewa u kaċċaturi. Xi wħud minn dawn il-fossili umani huma esposti fir-Rockefeller Museum ta' Ġerusalemm.

Is-sbuħija tal-Għoljiet tal-Karmelu hi magħrufa partikolarment fil-Bibbja, bħal fil-każ ta' Isaija 35,1-2: "Ħa jifirħu d-deżert u l-art maħruqa; ħa jifraħ ix-xagħri u jwarrad, ħa jwarrad bħar-ranġis. Ħa tifraħ fuq li tifraħ, taqbeż u tgħanni. Sebħ il-Libanu jingħata lilha, il-ġmiel tal-Karmel u ta' Saron". Silta oħra li titkellem dwar il-Karmelu hi dik tal-Għanja tal-Għanjiet 7,6: "Rasek 'il fuq, xebbahtha lill-Karmel, xagħar rasek donnu porpra; sultan baqa' maqbud fin-nokkli. Kemm int sabiħa u kemm tassew int ħelwa, mħabba fost l-għaxqiet!"

L-Għoljiet tal-Karmelu kienu meqjusin bħala post sagru sa mill-qedem. Matul is-seklu 15 q.K. il-Fargħun Tutmosis III, meta jirrakkonta l-kampanja militari tiegħu fil-Palestina, isemmi li kien rebaħ il-Karmelu, "il-muntanja qaddisa". Ġożwè wkoll kien rebaħ dawn l-Għoljiet strateġiċi u tahom lit-tribù ta' Issakar (Ġoż 12,22; 17,11). L-Għoljiet tal-Karmelu kienu jservu wkoll bħala fruntiera bejn it-tribujiet ta' Aser, Żabulun, Issakar u Manassi.

L-Għoljiet tal-Karmelu kienu magħrufin bħala l-post fejn il-qawwa ta' Alla kellha tidher pubblikament. Anke l-pagani kienu jħarsu lejn l-Għoljiet tal-Karmelu bħala għajn ta' qawwa divina. Il-filosfu Pitagoras ta' spiss kien jitla' jimmedita fuq il-Karmelu. Vespasjanu offra sagrifiċċju lill-allat fuq dawn l-Għoljiet qabel ma beda l-gwerra kontra r-ribelli Lhud

fis-sena 66 w.K. Tacitus kiteb: "l-alla Karmel ma għandux statwa jew tempju, billi din kienet ir-rieda ta' dawk li bdew dan il-kult".

Kien fuq l-Għoljiet tal-Karmelu li l-profeta Elija sfida lill-qassisin ta' Bagħal u Axera tul is-saltna tar-re Aħab. L-episodju hu kkommemorat fis-Santwarju tal-Muħraka, fuq il-Wied ta' Yizre'el u x-Xmara Kison. Is-Santwarju tal-Muħraka nbena mill-Patrijiet Karmelitani Skalzi fl-1883 biex ifakkar dan l-avveniment. Hemm statwa kbira tal-profeta Elija quddiem il-knisja, u mit-terrazzin wieħed għandu veduta mill-isbaħ tal-Wied ta' Yizre'el u tax-Xmara Kison. L-episodju jinsab f'1Slaten 18,17-40:

"Ġara li malli Aħab ra lil Elija, Aħab qallu: 'Int hawn, int li qiegħed taqleb lil Israel ta' taħt fuq?' U hu wieġbu: 'Le, mhux jien li qiegħed naqleb lil Israel ta' taħt fuq, imma int u dar missierek, għax intom tlaqtu l-kmandamenti tal-Mulej u mortu wara l-Bagħlim. U issa ibgħat u iġborli lil Israel kollu fuq il-muntanja tal-Karmel u l-erba' mija u ħamsin profeta ta' Bagħal u l-erba' mija ta' Asera, li jieklu mill-mejda ta' Ġeżabel'. U Aħab bagħat messaġġiera ma' Israel kollu, u ġabar il-profeti fuq il-Karmel.

Elija resaq lejn il-poplu kollu, u qalilhom: 'Kemm se ddumu titlajjaw minn naħa għal oħra? Jekk il-Mulej hu Alla, morru warajh; inkella morru wara Bagħal, jekk inhu hu'. Il-poplu ma għarafx iwieġeb. Elija qal lill-poplu: 'Mill-profeti tal-Mulej bqajt jiena waħdi; u l-profeti ta' Bagħal ilaħħqu mal-erba' mija u ħamsin wieħed. Agħtuna żewġ gniedes; ħallu 'l dawn jagħżlu gendus għalihom u jqattgħuh bċejjeċ, u jqegħduh fuq il-ħatab bla ma jkebbsu n-nar. Intom sejħu l-alla tagħkom, u jiena nsejjaħ isem il-Mulej. Dak l-alla li jwieġeb permezz tan-nar, dan ikun hu Alla'. 'Sewwa!' wieġeb il-poplu kollu. Imbagħad Elija qal lill-profeti ta' Bagħal: 'Agħżlu l-gendus, u ibdew intom, għaliex intom l-iktar fil-għadd. Intom sejħu isem l-allat tagħkom bla ma tqabbdu n-nar'. Huma ħadu l-gendus li tawhom, ħejjewh, u bdew mis-sbiħ sa nofsinhar



*Fdalijiet tal-Monasteru ta' San Brocardo - Karmelu*

isejħu isem Bagħal u jgħajtu: ‘Bagħal, weġibna!’ Iżda ebda kelma ma kien hemm, u ebda tweġiba; u baqgħu jaqbżu quddiem l-altar li kienu għamlu. F’nofsinhar Elija beda jiddieħak bihom u jgħidilhom: ‘Għajtu b’leħen ogħla, għax tassew hu alla: għandu mnejn jinsab imħasseb, jew imħabbat, jew imsiefer; inkella rieqed, ħa jistenbaħ.’ U bdew jgħajtu b’leħen ogħla, u jqattgħu ġisimhom, skont id-drawwa tagħhom, bi sjuf u skieken, sa ma beda jċarċar id-demm fuqhom. Għadda nofsinhar, u baqgħu mitlufa sa ma wasal il-ħin tal-offerta tal-vittma, iżda ma kien hemm ebda kelma, ebda tweġiba, ebda widen.

Elija qal lill-poplu kollu: ‘Ersqu lejja’. U l-poplu kollu resaq lejh. U hu raġa’ waqqaf l-altar tal-Mulej li kien iġġarraf. Elija ħa tnax-il ġebla, skont l-għadd tat-tribujiet ta’ wlied Ġakobb, li lilu l-Mulej kien qallu: Israel ikun ismek. U b’dan il-ġebel bena altar għal isem il-Mulej, ħaffer madwaru gandott jesa’ daqs żewġ sigħan żerriegħa, qiegħed sewwa l-ħatab, qatta’ l-gendus, u qiegħdu fuq il-ħatab. Imbagħad qalilhom: ‘Imlew erba’ ġarar ilma, u ferrgħuhom fuq il-vittma u fuq il-ħatab.’ ‘Erġgħu għat-tieni darba’, qalilhom; u reġgħu għat-tieni darba. ‘Erġgħu għat-tielet darba’, reġa’ qalilhom; u reġgħu għat-tielet darba. L-ilma tferrex madwar l-altar, u l-gandott ta’ madwaru mtela bl-ilma. Fil-ħin li joffru s-sagrifiċċju, il-profeta Elija ħareġ fin-nofs u għajjat: ‘Mulej, Alla ta’ Abraham, ta’ Iżakk u ta’ Israel, uri llum li inti Alla fost Israel, u li jiena l-qaddej tiegħek, u li dan kollu għamiltu għall-kelma tiegħek. Weġibni, Mulej, weġibni, ħalli jkun jaf dan il-poplu li int, Mulej, int Alla, u li int dawwartilhom qalbhom lura!’ U niżel nar mingħand il-Mulej, u ħaraq il-vittma, u l-ħatab, u l-ġebel, u t-trab, u sa ma xorob l-ilma fil-gandott. U dan rah il-poplu kollu, u nxteħtu wiċċhom fl-art jistqarru: ‘Il-Mulej hu Alla! Il-Mulej hu Alla!’ U Elija qalilhom: ‘Aqbdu l-profeti ta’ Bagħal, tħallu ’l ħadd minnhom jeħles’. U



*Nixxiegħa ta’ Elija*

qabduhom, u Elija niżżilhom fil-wied ta' Kison, u qatilhom hemm".

## Il-Karmelu u l-bidu tal-Ordni tal-Verġni Marija tal-Għolja tal-Karmelu

Kien fuq dawn l-għoljiet, partikolarment fuq il-promontorju tal-Karmelu, li diversi eremiti sa mill-qedem iddedikaw ħajjithom lil Alla, billi segwew it-tradizzjoni tal-profeta Elija. B'hekk twieled stil ta' ħajja kontemplattiva Kristjana fuq l-Għoljiet tal-Karmelu. It-tradizzjoni trid li dan l-istil ta' ħajja kontemplattiva, li beda bil-preżenza ta' Elija fuq dan il-promontorju, kien il-bidu tal-fondazzjoni ta' wieħed mill-Ordnijiet reliġjużi tal-Medjuevu, jiġifieri l-Ordni Karmelitan. L-Ordni Karmelitan wiret tradizzjoni twila ta' ħajja eremitika fuq l-Għoljiet tal-Karmelu, li x'aktarx tmur lura għall-perjodu Biżantin, partikolarment fl-għerien li jħarsu fuq il-Baħar Mediterran mill-promontorju tal-Karmelu. Instabu graffiti f'diversi għerien li huma xhieda ta' preżenza Kristjana f'din iż-żona.

Fl-1185 ir-raħeb Grieg Ġwanni Phocas kiteb li sab pellegrin Kruċjat, jismu Bertoldo, kif ukoll komunità ta' monaċi Ortodossi fuq il-ġenb tal-Għolja tal-Karmelu, f'għar iddedikat lill-profeta Elija. Ir-Rabbi Benjamin Tudela (1169-1171) kiteb li l-Kristjani kienu bnew fuq il-Karmelu kappella ddedikata lil Sant'Elija. "Fuq il-muntanja hemm l-għar ta' Elija, fejn l-Insara bnew kappella jisimha Sant'Elija". Jidher li kien hemm abbazija ddedikata lil Santa Margerita fuq ix-xaqliba tal-baħar tal-promontorju, taħt il-fanal li hemm illum fuq il-quċċata. Il-fdalijiet ta' din l-abbazija għadhom jidhru u huma magħrufin bħala l-Monasteru ta' San Brocardo, li kien is-suċċessur tar-raħeb mill-Calabria Bertoldo, li fl-1154 kien ġabar flimkien l-eremiti tal-Għolja tal-Karmelu. Il-fdalijiet tal-monasteru jinsabu qrib nixxiegħa, li hi magħrufa bħala n-nixxiegħa ta' Elija. Ftit taż-żmien wara f'dan il-post twieled l-Ordni tal-Aħwa Eremiti tal-Verġni Marija tal-Għolja tal-Karmelu (Karmelitani), li ddedikaw l-għar u l-kappella lill-Verġni Marija. Il-monasteru li jissemma, flimkien mal-għar ta' Sant'Elija li jinsab fil-qrib, u li jissejjaħ ukoll "Skola tal-Profeti", jinsab qrib ix-xaqliba ta' taħt il-promontorju, u mhux fuq il-quċċata fejn illum hemm is-Santwarju tal-Verġni Marija "Stella Maris". Brocardo ta' Monte Sion, fid-"Descriptio Terrae Sanctae" isemmi dik li jsejħilha "Spelunca Heliae" (Għar ta' Elija) qabel ma jirreferi għall-monasteru li jinsab fil-Wadi Ain as-Siyagh, u fejn semmejna li kienu jgħixu grupp ta' eremiti.

L-isqof Kruċjat ta' Akri, Jacques de Vitry, li kien ġie l-Art Imqaddsa fl-1216, isemmi l-eremiti tal-Għolja tal-Karmelu u eremiti oħrajn fl-Art Imqaddsa. "Irġiel qaddisa ċaħdu għad-dinja, u skont ix-xewqat u l-ħeġġa reliġjuża tagħhom għażlu li jgħammru f'konformità mal-

iskop u d-devozzjoni tagħhom. Uħud minnhom, miġbudin mill-eżempju tal-Mulej, għażlu s-solitudni qaddisa tal-Kwarantena, fejn il-Mulej kien sam għal erbgħin jum wara l-magħmudija tiegħu, biex jgħixu hemmhekk bħala eremiti u jaqdu bil-kuraġġ lill-Mulej f'ċelel ċkejknin. Oħrajn jimitaw il-qaddis eremita, il-profeta Elija, u jgħixu ħajja solitarja fuq l-Għolja tal-Karmelu, speċjalment f'dik il-parti li tħares fuq il-belt ta' Porfiria, qrib in-nixxiegħa ta' Elija, mhux bogħod mill-monasteru tal-Verġni Santa Margerita, fejn jgħammru f'ċelel żgħar qishom naħal, biex hemm jiġbru l-għasel tal-ħlewwiet spiritwali tal-Mulej".

Kien fl-1206 li dawn l-eremiti, li kienu ta' rit Latin, talbu lil Sant'Albertu ta' Vercelli, Patrijarka ta' Ġerusalemm, li dak iż-żmien kien jgħix f'Tir, biex jagħtihom Regola. Ir-Regola nkitbet fl-1214 u kienet approvata mill-Papa Onorju III fl-1216. Matul dan il-perjodu dawn l-Eremiti tal-Għolja tal-Karmelu kienu jgħixu f'Wadi Ain as-Siyagh qrib in-nixxiegħa ta' Elija, u qrib l-"Iskola tal-Profeti" fejn kienu jqimu l-post li fih il-profeta Elija kien għex għal xi żmien fuq il-Karmelu. Dan l-għar għadu jeżisti sallum f'riġlejn il-promontorju u hu magħruf bħala l-Għar ta' Elija. Skont it-tradizzjoni Elija kien għex u immedita f'dan l-għar qabel ma sfida lill-profeti ta' Bagħal, u li nħeba fl-għar meta kien qed jaħrab mill-persekuzzjoni tar-re Aħab u martu Ġeżabel. F'dan il-post il-profeta kien ukoll imdawwar minn grupp ta' profeti, appuntu l-iskola tal-profeti. L-għar hu sagru għal-Lhud, Kristjani, Musulmani u Drużi. Sal-1948 l-għar kien moskea. Illum hu sinagoga.

## Is-Santwarju tal-Verġni Marija "Stella Maris" fuq il-Karmelu

Il-post Kristjan tal-għar ta' Elija jinsab illum fuq il-quċċata tal-promontorju, f'dik li hi l-Knisja tal-Verġni Marija "Stella Maris". Wara l-waqgħa tar-Renju Kruċjat ta' Ġerusalemm fl-1187, ħafna mill-eremiti tal-Għolja tal-Karmelu abbandunaw il-monasteru ta' San Brocardo u l-Għar tal-profeta Elija, għalkemm nafu li fl-1263 kien għad hemm kunvent tal-Karmelitani fuq il-muntanja. Meta Akri waqgħet f'idejn il-Musulmani fit-18 ta' Mejju 1291 il-Patrijiet Karmelitani tal-Karmelu ġew immassakrati u l-monasteru nqered għal kollox. Sadanittant il-Karmelitani kienu tferrxu fl-Ewropa, speċjalment fil-Prijorat ta' Aylesford fl-Ingilterra, li kien twaqqaf fl-1242 meta l-ewwel Karmelitani waslu mill-Art Imqaddsa. Huma kienu rċevew biċċa art minn Richard de Grey, li kien Kruċjat fl-Art Imqaddsa u li tahom ukoll id-dar tal-kampanja tiegħu f'Aylesford. Fl-1247 l-Isqof ta' Rochester, Richard of Wendover, uffiċjalment għaraf il-fondazzjoni Karmelitana ta' Aylesford, u hemmhekk ġie iċċelebrat l-ewwel kapitlu ġenerali tal-Ordni barra l-Art Imqaddsa. Fl-Ingilterra l-Karmelitani ma baqgħux aktar Ordni eremitiku, imma

ħadu l-bixra ta' Ordni mendikanti u tferrxu f'aktar minn 30 Prijorati fl-Ingilterra, l-aktar f'Londra, Oxford u Cambridge. Bejn l-1348 u l-1417 bnew il-knisja ta' Aylesford, li ġiet ikkonsagrata minn Richard Young, Isqof ta' Rochester. Matul is-seklu 16 żviluppat it-tradizzjoni li San Xmun Stock, li kien miet fl-1265 bħala Prijur Ġenerali tal-Ordni, kellu viżjoni tal-Verġni Marija li wiegħdet il-protezzjoni tagħha lil dawk kollha li jilbsu l-Iskapular Karmelitan. Skont it-tradizzjoni l-viżjoni seħħet f'Aylesford, imma x'aktarx li ġrat f'Cambridge.

San Xmun Stock kien talab Regola ġdida għall-Ordni Karmelitan mingħand il-Papa Innoċenz IV fl-1247, wara li kien xerred id-devozzjoni lejn il-Verġni Marija tal-Għolja tal-Karmelu. Fl-1568 Santa Tereża ta' Ġesù (Tereża ta' Avila), bl-għajnuna ta' San Ġwann de Yepes tas-Salib, bdiet ir-riforma tal-Karmelitani Skalzi (magħrufin f'Malta bħala Patrijiet Tereżjani).

Kien Karmelitan Skalz Malti, Prosperu tal-Ispirtu s-Santu (Prospero Grech) li fid-29 ta' Novembru 1631 reġa' ġie l-Art Imqaddsa. Patri Prospero fl-1633 beda jgħix flimkien ma' xi ftit patrijiet fl-għerien tal-promontorju taħt il-fanal, u kienu wkoll jitolbu fl-Għar ta' Elija. Imma meta tkeċċew minn dan il-post magħruf bħala "Skola tal-Profeti" il-Karmelitani Skalzi iddeċidew li jitilgħu fuq il-quċċata tal-promontorju, fejn bnew il-Knisja tal-Verġni Marija "Stella Maris" fuq Għar li huma ddedikawh ukoll lill-profeta Elija. Il-knisja inbniet fl-1720. It-Torok Ottomani ta' spiss kienu joqtlu l-patrijiet, kif għamlu wara li Napuljun tilef il-battalja ta' Akri fl-1799, meta ħalla s-suldati feruti Franċiżi taħt il-kura tal-Patrijiet Karmelitani Skalzi tal-Karmelu. F'dik l-okkażjoni l-kunvent tal-patrijiet ġie meqrud. Hemm piramide żgħira quddiem il-knisja li tfakkar dawn il-mejtin immassakrati mit-Torok Ottomani. Fl-1827 il-Karmelitani Skalzi reġgħu bnew il-Knisja ta'

*Ghar tal-Profeta Elija - Karmelu*



Stella Maris li naraw illum, knisja forma ta' salib grieg b'koppla fuqha. L-altar jinsab fil-għoli, u taħtu hemm l-Għar iddedikat lill-Profeta Elija, fejn hemm statwa tal-Profeta. Fin-niċċa ta' fuq l-altar hemm statwa sabiħa tal-Verġni Marija tal-Karmelu bilqiegħda fuq tron, tal-injam taċ-ċedru tal-Libanu. L-Għar tal-Profeta Elija jfakkar ukoll il-ġrajja ta' meta Elija talab għad-don tax-xita wara tliet snin u nofs ta' nixfa, skont 1Slaten 18,41-46:

"Imbagħad Elija qal lil Aħab: 'Itla', kul u ixrob, għaliex qiegħed jinstema' ħoss kbir ta' xita. Aħab tala' jiekol u jixrob. U Elija tala' fuq il-quċċata tal-Karmel, nxteħet fl-art, u qiegħed wiċċu bejn irkopptejh. U qal lill-qaddej tiegħu: 'Itla', u ħares lejn in-naħa tal-baħar'. Dak tala', ħares, u qal: 'Ma hemm xejn'. Qallu: 'Erġa' mur seba' darbiet'. U l-qaddej tala' seba' darbiet. Mas-seba' darba qabad jgħajjat: 'Ara, hemm sħaba daqs keffa ta' id ta' raġel, tielgħa mill-baħar'. Qallu Elija: 'Mur għidlu lil Aħab: Arma l-karru u inżel, qabel ma tilħqek ix-xita'. Malli dan, is-sema swied, qam ir-riħ, u bdiet nieżla xita kbira. Aħab rikeb u telaq lejn Ġeżragħel. U id il-Mulej niżlet fuq Elija, u dan ħażżem qaddu, u mar jiġri jilħaq lil Aħab sa fejn jibda Ġeżragħel".

Fil-Palestina, fil-fatt, ix-xita tiġi mill-Baħar Mediterran, mix-xaqliba tal-punent. Hu għalhekk li minn fuq il-quċċata tal-promontorju tal-Karmelu wieħed jista' jilmaħ b'mod ċar meta maltempata tkun riesqa lejn l-Art Imqaddsa.

Malli wieħed joħroġ mill-Knisja ta' Stella Maris, u jaqsam it-triq fejn hemm il-fanal, wieħed għandu quddiemu veduta stupenda tal-belt ta' Haifa minn fuq il-promontorju, kif ukoll tal-port ta' Haifa, u Akri, Nahariya u Rosh Hanikra fil-bogħod, fejn jibda l-Libanu. Quddiemu wieħed jara l-Mediterran ikħal, li jistieden biex wieħed iħares lejn l-istatwa tal-Verġni Marija fuq il-kolonna quddiem il-fanal, u hemm jitlob: "Ave, Maris stella – Sliem, kewkba tal-baħar!"

## Atlit (Castrum Peregrinorum)

It-triq li twassal minn Haifa lejn Ċesarija tgħaddi maġenb il-kosta tal-Mediterran u minn ħdejn il-fdalijiet tal-fortizza Kruċjata tal-Kastell tal-Pellegrini (Castrum Peregrinorum) f'Atlit. Il-fdalijiet tal-Kastell jidhru sewwa mit-triq, mibnijin fuq promontorju li joħroġ fil-baħar.

Il-Kruċjati għall-bidu bnew fortizza żgħira f'dan il-post, li huma sejħulu Dustrey, wara li r-Re Baldovino I kien kważi ġie maqtul minn ħallelin f'dan il-post fl-1102. L-ewwel binja tal-Kastell bdiet fl-1218-1220, wara li r-Renju Kruċjat ta' Ġerusalemm kien spiċċa biss fuq il-kosta tal-Libanu u tal-Palestina. L-iskop tal-Castrum Peregrinorum kien dak li jiddefendi l-pellegrini li kienu jivjaġġaw tul it-triq bejn Akri u Ġerusalemm, kif ukoll li jipprovdi port ieħor fuq il-kosta bejn Akri, Ċesarija u Ġaffa.

Atlit kienet l-aħħar fortizza Kruċjata fl-Art Imqaddsa. Wara l-waqgħa ta' Akri fl-1291 il-Kastell safa abbandunat u beda jiġġarraf. Ġie msewwi mill-Mameluki. Imma mbagħad reġa' ġġarraf minħabba terremoti qawwija u l-ġebel tiegħu ttieħed mit-Torok f'postijiet oħrajn, fosthom il-Moskea ta' Al-Ġazzar f'Akri. Fl-1799 il-flotta ta' Napuljun għamlet użu mill-port ta' Atlit fl-ispedizzjoni kontra Akri. Is-sit imbagħad tħalla f'abbandun. Illum il-Kastell jinsab imġarraf u l-mewġ iħabbat miegħu qed jieklu bil-mod il-mod. Fil-qrib l-Ingliżi kienu għamlu kamp ta' konċentrament tal-immigrati illegali Lhud fi żmien il-Mandat Britanniku. Il-belt moderna ta' Atlit tinsab fil-qrib, imma l-Kastell jinsab f'żona militari u mhux miftuħ għall-pellegrini u turisti.




*P Twanny Chircop ofm*

## ABRAHAM (II)

### Abraham fl-ittra lil-Lhud u l-ittra ta' Ġakbu

Isem Abraham jidher spiss fl-Ittra lil-Lhud, imma l-iżjed biex ifakkar it-twemmin Nisrani dwar il-fidi tiegħu u dwar il-wegħdiet fdati lilu. Fil-kapitlu 7 tal-Ittra lil-Lhud Abraham iservi bħala xebh ma' Melkisedek li huwa ċ-ċentru tal-attenzjoni. Fil-kapitlu 11, il-ħsieb Nisrani

hu attribwit lil Abraham, li ħassu bħal barrani fl-Art Imwiegħda għaliex kien jaf li l-veru pajjiżu hu s-sema.

Fl-Ittra ta' Ġakbu 2:21-24, insibu kjarifika tal-argument ta' Pawlu fil-kapitlu 4 tal-Ittra lir-Rumani dwar l-istorja ta' Abraham; "Jaqaw Abraham missierna mhux mill-għemil kien iġġustifikat meta offra lil ibnu Iżakk fuq l-artal?" (2:21). Fi kliem ieħor, l-ubbijenza ta' Abraham fl-offerta ta' Iżakk (opra tajba) turi li l-fidi hi awtentika biss meta joħorġu minnha opri tajba. Għalhekk l-opri tajba huma effett neċessarju ta' fidi ġenwina.

## It-Tradizzjoni Pastorali-Liturġika

Missirijiet il-Knisja, kemm tal-lvant u tal-punent ifaħħru ix-xhieda ta' Abraham, b'mod partikulari fis-sagrifiċċju ta' Iżakk. F'dan is-sagrifiċċju jaraw xebh ma' Alla li offra lil Ibnu, Ġesù, li wkoll ġarr l-injam (is-salib) għas-sagrifiċċju tiegħu stess. Din ukoll hi r-raġuni l-għala isem Abraham jidher fl-ewwel Canone tal-Quddiesa Rumana, fejn is-sagrifiċċju tiegħu huwa mfakkar bħala preparazzjoni għas-sagrifiċċju perfett ta' Ġesù.

Ukoll, ħafna elementi tal-istorja ta' Abraham jidhru fil-qari liturġiku, partikolarment bħala t-tieni qari fil-Vġili tal-Għid kif ukoll l-qari mit-Testment l-Antik fit-tieni Ħadd tar-Randan ta' kull sena. Fl-aħħarnett, isem Abraham huwa msejjaħ fil-liturġija tal-funerali biex iserraħ moħħ il-fidili li l-wegħda ta' ħajja ta' dejjem li Alla għamel hi ta' min jemmina tassew.

## Il-Ġudajiżmu u Abraham

L-istorja ta' Abraham, hija storja stramba dwar biża' u fidi, biża' u sfida, biża' u daħk. Għalkemm tal-biża' din l-istorja saret għajn ta' konsolazzjoni għal dawk li waqt li jirrakkontawha ssir parti mill-esperjenza tagħhom. L-istorja fiha d-destin sħiħ tal-poplu Lhudi, daqs kemm fjamma qiegħda fix-xrara waħda li tqabbadha.

Bħala letteratura, din l-istorja magħrufa bħala *Akeda,* ma għandhiex paragun fl-iskrittura. Din hi storja li ġrat fl-imgħoddi mbiegħed imma hija tagħna u aħna nibqgħu marbutin magħha bl-iżjed mod intimu. Nistgħu ma nindunawx, imma kull wieħed minna, f'xi żmien jew ieħor huwa msejjaħ li jilgħab parti fiha. Liema parti? Aħna Abraham jew Iżakk? Aħna aħna Ġakkob, jigifieri Israel. Israel beda b'Abraham.

Abraham huwa bniedem ta' kull żmien, imbierek b'talenti u virtujiet u jisthoqqlu kull grazzja. Il-Missjoni tiegħu kien li jservi bħala l-messaġġier ta' Alla qalb il-bnedmin, suppervi u għomja wisq biex jagħrfu l-glorja Tiegħu. It-tradizzjoni tpoġġi lil Abraham ogħla minn Mosé, li l-liġi tiegħu hu kien jobdi; ogħla ukoll minn Adam li hu kien mitlub jikkoreġi l-iżbalji tiegħu.

Abraham:

a. L-ewwel għadu tal-idolatrija;
b. L-ewwel żagħżugħ irrabjat;
c. L-ewwel li qam kontra l-establishment; is-soċjetà u l-awtorità;
d. L-ewwel li aborixxa t-*taboos* uffiċjali u ssospenda projbizzjonijiet ritwali;
e. L-ewwel li rreġetta ċ-ċiviltà biex jifforma l-minorità ta' wieħed;
f. L-ewwel li emmen;
g. L-ewwel li sofra minħabba t-twemmin tiegħu;

Waħdu afferma li Alla huwa wieħed u preżenti kull fejn ismu jiġi msejjaħ.

Minkejja dan ma naqasx li jagħmel mistoqsijiet lil Alla; l-ewwel wieħed li jagħmel mistoqsijiet lil Alla u Alla jisma' u jirrispondi. Alla jaħfer lil Abraham anke l-mistoqsijiet tiegħu. Alla hu Alla u Abraham il-qaddej fidil tiegħu. Kienu żguri minn xulxin.

Biex jara r-rieda u l-viżjoni tiegħu Alla ġiegħlu jħalli s-sigurtà tad-dar ta' missieru, li jeħodha mal-mexxejja u l-eżerċti tagħhom, ibati l-ġuħ, l-eżilju u d-diżappunt. Imma t-tama tiegħu f'Alla qatt ma ġiet mittiefsa. Tant kien fidil lejn Alla, li ġie ppremjat b'iben, li sar is-

simbolu tal-għoti tal-grazzja u l-barka lill-ġenerazzjonijiet kollha.

Ġurnata minnhom Alla ddeċieda li jgħaddih minn prova oħra, il-għaxar u l-aħħar waħda. Ħu lil ibnek ġibu għandi bħala offerta; il-kelma użata fl-ilsien oriġinali hi *ola* li tfisser offerta ikkunsmata għal kollox – *holocaust*.

- Abraham jobdi mingħajr argumenti ta' xejn. Mingħajr mistoqsijiet u mingħajr ma jipprova jifhem.
- Ma qal xejn lil ħadd anqas lil martu Sarah; mingħajr demgħa; sempliċiment stenna li jisbaħ l-għada u qabad it-triq lejn l-Għolja Moriah, mingħajr ma qajjimha.

Wara tlett ijiem ta' vjaġġ (Kierkegaard jgħid li dawn it-tlett ijiem kienu itwal mill-erbat elef sena li jisseparaw lilna minn din il-ġrajja);

- il-missier u l-iben ħallew lill-qaddejja warajhom u waħidhom telgħu fuq il-muntanja. Waslu fuq il-quċċata u tellgħu altar u ppreparaw ruħhom għar-rit.
- Kien hemm kollox; l-injam, is-sikkina, in-nar. Il-biċċier u l-vittma ħarsu f'għajnejn xulxin u l-ħolqien kollu żamm in-nifs. Il-missier u l-iben kienu t-tnejn minfuda mill-istess biża'.
- Mimdud fuq l-altar, b'idejh u saqajh marbuta, Iżakk ra t-Tempju ta' Ġerusalemm l-ewwel jiġġarraf u wara jinbena mill-ġdid.
- F'dan il-mument Iżakk fehem li dak li kien qed jigri lilu kien se jiġri lill-oħrajn. Fehem li din kienet storja bla tmiem għalih, għal uliedu u l-Umanità kollha.

Min-naħa l-oħra, id-diqa tal-missier ma kinitx marbuta mal-ġejjieni;

- bis-sagrifiċċju ta' ibnu biex jobdi l-kmand ta' Alla, Abraham kien



jaf li fil-fatt kien qed jissagrifika l-għerf (l-esperjenza) tiegħu dwar Alla u l-fidi tiegħu fiH.

- Jekk Iżakk imut, lil min kien se jitrasmetti din il-fidi u l-esperjenza tiegħu ta' Alla?
- Il-mewt ta' ibnu kienet tfisser it-tmiem ta' avventura prodiġjuża.
- Il-miraklu seħħ, il-mewt ġiet mirbuħa u t-traġedja evitata!

## X'nafu fuq il-ħajja ta' Abraham

Nafu ħafna dwar Abraham minn dak li tgħidilna l-Bibbja u l-Midrash. Għandna ħafna dettalji dwar l-attivitajiet tiegħu kemm personali u pubbliċi. Għandna informazzjoni dwar id-drawwiet, burdati, relazzjonijiet flimkien mad-diffikultajiet li kellu mal-ġirien, qaddejja u konkubini tiegħu. Kien sinjur, akkoljenti, dħuli u ġeneruż; stieden f'daru strangieri mingħajr ma staqsa min kienu u għala ġew għandu. Laqgħa għandu dawk li kienu bil-ġuħ u għen lill-fqar, kemm jekk kienu anġli jew tallaba.

Il-Midrash jgħidilna li Abraham kien bniedem b'saħħtu u qawwi. Ma kien jibża' minn xejn u qatt ma ħarab minn battalja. Tilef waħda biss minħabba n-numru kbir tal-għedewwa. Kien b'saħħtu u jnissel il-biża', għalhekk kien naturali li seta' jagħżel u jiżżewweġ lill-isbaħ mara. Ta' spiss kienet takkumpanjah fil-vjaġġi tiegħu. Interessanti li darba, meta wasal l-Eġittu, introduċiha bħala oħtu. Huwa evidenti li kien ħawtiel u ma setax jgħix fil-għażż.

L-ikbar avventura tiegħu kienet il-laqgħa tiegħu ma' Alla. Laqgħa riżultat ta' għażla ħielsa miż-żewġ naħat. Fid-dawl li Alla ma setax jitkellem ma' bniedem medjokri l-Midrash jagħti lil Abraham titli u virtujiet:

- Kien qawwi daqs sultan
- Kellu l-għerf ta' bniedem ġust
- Kellu kelma qawwija daqs



ta' Profeta jew Qassis

- Kien jitkellem b'kull ilsien, u jipposedi kull arti
- Kien jaf sigriet li ħadd qablu qatt ma kien jafu u wisq inqas jifhmu

*X' jgħid il-Midrash* (Midrash huwa tagħlim tar-Rabbini mislut mill-Iskrittura)

Wieħed mill-Midrash dwar is-sagrifiċċju ta' Iżakk jitkellem mit-tentazzjoni tax-xitan lil Abraham biex iwaqqfu milli jissagrifika lil ibnu.

"Waqt li Abraham kien miexi lejn l-għolja Moriah deherlu raġel xiħ, ix-xitan, u staqsih fejn kien sejjer. 'Biex nitlob' qallu Abraham. 'Mela n-nies imorru jitlobu bis-sikkina, in-nar u l-injam' qallu x-xitan. Irrispondih Abraham 'nistgħu nittardjaw xi jumejn u jkollna noqtlu ħaruf, insajruh u nikluh – tajjeb li nkunu ppreparati.' Hawn hekk ix-xitan iwaqqa' l-maskla u jgħidlu 'miskin int taħseb li se tgħaddi ż-żmien bija, tlift moħħok, neħħejt kull sentiment uman minn qalbek? Inti se tissagrifka verament lil ibnek li ngħatalek meta kellek mitt sena?' 'Iva, hekk se nagħmel', qallu Abraham. Ix-xitan issokta 'iblah inti għaliex għada Huwa (Alla) jitlob minnek iżjed sagrifiċċji. Se tkun tista' tagħmilhom?' 'Nittama li nkun dejjem nista' nobdih.'"

U x-xitan baqa' jinsisti waqt li Abraham baqa' sod fix-xewqa tiegħu li jobdi r-rieda ta' Alla. Ix-xitan allura għadda biex jittanta lil Iżakk billi deherlu taħt sura ta' żagħżugħ.

" 'Fejn sejjer?' staqsih. 'Biex nistudja t-torah', qallu Iżakk. 'Sejjer tistudja issa jew wara mewtek?' 'X'domanda din? Mhux issa, ma tafx li t-Torah jingħata biss lill-ħajjin!' 'Int żagħżugħ miskin, ommok għamlet is-snin tittama u tiltob biex twelldek u issa dan missierek xiħ miġnun se joqtlok.' Iżakk ma emmnux u minflok ħares lejn missieru b'imħabba. Satana baqa' jinsisti b'kompassjoni falza. 'Emminni int dalwaqt tmut. U taf min se jifraħ? Ħuk Ishmael? Kull ma hu tiegħek u kull ma kien għalik se jieħdu hu.' Ma' dan il-kliem Iżakk dar fuq missieru u qallu, 'Missier isma' x'qed jgħid?' 'Tatix kasu, kliemu huwa fieragħ u mingħajr verità.' Qallu missieru"

Ix-xitan ma qatax qalbu u baqa' jivvinta ostakoli oħra. Tbiddel fi xmara mbagħad fi sħaba biex iwaqqafhom u fl-aħħar ġietu idea brillanti li juża l-iżjed arma perikoluża: il-verità. Iddeċieda li jilgħab logħba u jikxef il-fatti. "Abraham fl-aħħar mill-aħħar l-offerta mitluba minnek se tkun il-ħaruf; il-ħaruf u mhux Iżakk. Qed tismagħni raġel xiħ? La inti u lanqas Iżakk ma għandkom minn xiex tibżgħu. Tkomplux jew tmorrux lura ma hu se jbiddel xejn. Waqqaf din il-logħba u tibqax itturmentat u taħseb li inti eroj."

Li kieku Abraham emmen lix-xitan, li wara kollox kien qed jgħid il-verità, kollox kien jieqaf hemm. Minflok injorah u baqa' sejjer fil-mixja siekta lejn il-punt fejn id-disperazzjoni u l-fidi kellhom jiltaqgħu.

Bħal dejjem fil-Midrash, dawn il-parabboli jirriflettu d-drammatiċità tar-rakkont. Permezz tagħhom il-konflitt intern isir tanġibbli u viżibbli. Għaliex aħna nistgħu naraw il-konoxxenza li kellu Iżakk ta' Satana, nistgħu nifhmu iżjed is-solitudni ta' Abraham. Satana jippersonifika d-dubju li kellu jkollu Abraham biex jibqa' uman (għax kieku Abraham ma kellu l-ebda dubju ma kienx jkun uman). L-istess ħaġa rigward il-biża' ta' Iżakk. Kieku Iżakk baqa' għami u ma jaf xejn sal-aħħar, silenzjuż u kunfidenti sal-aħħar minuta, konna nħarsu lejh bħala iblah u mhux innoċenti, moħħ ta' tifel u mhux żagħżugħ qawwi. Fil-fatt wieħed mill-Midrash jgħid li Iżakk kellu 37 sena meta seħħet din il-ġrajja. F'ċertu punt fehem, u rrealizza li dak ir-raġel li kellu miexi miegħu kien qed jilgħab parti differenti minn dik ta' missier. Għax fih tnisslet il-biża' sar uman u sar tifel għal darba oħra. Wieħed mit-testi jasal biex jgħid li l-missier u l-iben kienu mixjin lejn l-għolja Moriah id f'id għax Abraham ried iżomm lil Iżakk milli jitla' jgħaġġel minħabba il-biża' li kellu.

Satana nnifsu isir bniedem. Wara li abbuża bil-verità u ma swielu xejn, tilef moħħu.

Abraham irrifjuta li jemmen lil Satana, imma kif seta' jkun ċert li dan kien żbaljat? U jekk Satana kien qed jgħid il-verità? Billi rrevela l-futur, dak li verament ġara, Satana ammetta li fil-fatt kien hu li talab is-sagrifiċċju ta' Iżakk: u jekk dak li qal ma kenitx gidba? Għal Abraham din kienet il-qofol tal-probelma, il-veru tbatija, il-preokkopazzjoni: li tmut għal Alla hija ħaġa li wieħed jaċċettat, f'ċertu sitwazzjonijiet estremi, wieħed jasal ukoll li jaċċetta l-mewt li Alla jippermetti. Imma li tmut għal Satana?

Imma Abraham ma waqafx biex jaħseb. Kien jaf sew li bejn il-prova divina u provi oħra kien hemm differenza kemm fis-sustanza kif ukoll fil-forma tal-prova; ċertu sinjali huma diffiċli biex wieħed jiżbalja dwarhom. Satana ipprova jagħmel l-affarijiet eħfef, mentri Alla le. Kien biżżejjed għal Abraham biex isaqsi lilu nnifsu liema hija l-eħfef triq. Żgur kien eħfef għalih li jmur lura d-dar b'kuxjenza ħafifa, żgurat li sa issa Sarah kienet qed tinkwieta għalihom. Dan kien ifisser li jagħmel il-kuntrarju. Iżda hu baqa' miexi mingħajr ma ħares madwaru. Bla dubju hija għażla ħielsa, il-Midrash jagħfas fuq dan il-punt billi jispjega li l-mixja damet sejra tlett ijiem. Biex ħadd ma jaħseb li l-missier u l-iben aġixxew taħt xokk. Le, imma t-tnejn kienu luċidi u jafu x'inhuma jagħmlu. Kellhom kontroll sħiħ tas-sensi tagħhom. Kellhom iż-żmien kollu biex jippreparaw ruħhom, żmien biex jaħsbu, jagħżlu triq oħra, u żmien biex jimmaġinaw il-ġrajja bil-kura kollha tagħha.

Il-Midrash jgħid li fit-tielet jum Abraham seta' jiddistingwi mill-bogħod il-quċċata tal-post ta' fejn kellu jsir s-sagrifiċċju – kif il-poplu iżjed tard għaraf is-Sinaj. Hu dar fuq ibnu u qallu: "Qed tara xi ħaġa?" "Iva", wieġbu Iżakk, "Qed nara muntanja sabiħa taħt sħaba tan-nar." Imbagħad dar fuq iż-żewġ qaddejja tiegħu u staqsihom: "U intom qed taraw xi ħaġa?" Il-qaddejja b'mod passiv ma kienu qed jaraw xejn ħlief id-deżert. U Abraham fehem li l-ġrajja kienet tikkonċerna lilu u lil ibnu u li l-qaddejja kellhom joqogħdu hemm waqt li t-tnejn li huma kellhom jibqgħu sejrin. U l-post kien verament hu.

Il-missier u l-iben imxew flimkien, wieħed biex jingħaqad mal-ieħor u l-ieħor biex ikun magħqud, dak li kellu jagħmel is-sagrifiċċu u dak li kellu jiġi ssagrifikat, jaqsmu l-istess lealtà lejn l-istess Alla, jirrispondu għall-istess sejħa. L-offerta tas-sagrifiċċju kienet maqsuma bejn it-tnejn; il-missier u l-iben qatt ma kienu daqshekk qrib xulxin. Il-Midrash jagħfas fuq dan, biex juri aspett ieħor traġiku tal-*Akeda* dak ta' ugwaljanza bejn Abraham u Iżakk. Abraham u Iżakk kienu indaqs, minkejja ir-rwol differenti, wieħed il-vittma u l-ieħor l-esekutur.

Imma Abraham ta' min kien vittma? Ta' Alla? Imma għal darba oħra il-*Key Word* hija *yakhdav*, li tfisser flimkien: vittmi flimkien. Flimkien ġabru l-injam, flimkien irranġaw l-altar, flimkien lestew il-palk biex ikun jista' jibda d-dramm. Abraham, jgħid it-test, aġixxa bħala missier ferħan li qed jipprepara t-tieġ għal ibnu, u Iżakk bħall-għarus li qed jistenna biex jiltaqa' mal-għarusa tiegħu. It-tnejn kienu sereni u fil-paċi magħhom infushom u ma' xulxin.

Iżda mbagħad f'daqqa, u għal mument qasir, Iżakk daħal fir-realtà u għaraf il-qies u il-biża' ta' dak li kellu jiġri: "Missier, issa x'se tagħmlu, int u ommi wara li jiġri dan?" – "Dak li sa issa kien ta' faraġ għalina, jkompli jkun." – "Missier," Iżakk jieqaf għall-munent, "jien qed nibża', nibża' li nkun beżgħan. Inti trid tkun għalija ta' sigurtà." Wara ftit qallu: "Missier, meta titkellem ma' ommi, meta se tgħidilha, kun żgur li ma tkunx wieqfa fejn xi bir jew fuq xi bejt, biex bix-xokk ma taqax u tweġġa' lilha nfisha."

L-attenzjoni tagħna issa tmur fuq Iżakk mindut

fuq l-artal. Narawh waqt li Abraham kellu l-ħarsa tiegħu iffissata fuqu, kien qed iħares f'għajnejh. Abraham kien qed jibki, id-dmugħ li kien ħiereġ quddiem għajnejn it-tifel, ħalla ferita li qatt ma tintesa. Tant beka li s-sikkina żelqitlu minn idejh u waqgħet fl-art. Kien biss f'dan il-ħin u mhux qabel li għajjat b'disperazzjoni, tant li Alla fetaħ is-smewwiet u ħalla lil Iżakk jara is-santwarji għolja tal-*merkava* tal-kreazzjoni, qtajja' sħaħ tal-anġli jilmentaw: "Ara l-biċċier qiegħed waħdu u waħdu ukoll huwa l-vittma." U dawn il-kelmiet f'kull sfera kienu ta' taqlib: Iżakk sar iċ-ċentru tal-univers. Ma kellux jiġi mħolli jmut, mhux issa u mhux b'dan il-mod. Ma kellux imut. Il-vuċi tal-anġlu nstemgħet: "Abraham, terfax idek fuq it-tifel. Iżakk għandu jgħix."

Għaliex intervjena anġlu u mhux Alla nnifsu? Il-Midrash iwieġeb: Alla biss jista' jordna l-mewt, imma biex tiġi salvata ħajja ta' bniedem, anġlu huwa biżżejjed.

Sa issa ħassejna lilna nfusna iżjed qrib Iżakk milli lejn missieru Abraham. Wasal il-mument li nkunu qrib mhux biss Iżakk iżda anke qrib Abraham.

Ejjew neżaminaw din il-mistoqsija: għaliex Abraham ma qalx il-verità lil Iżakk? Għax hu ħaseb li l-*Akeda* hija ġrajja stretta biss bejnu u bejn Alla, ma kienet tirrikwarda lil ħadd iżjed, lanqas lil Iżakk.

Il-fiduċja ġiet imqiegħda fil-qawwa tal-bniedem. Alla ma jridx li l-bniedem jersaq lejh meta ma hemm xejn x'wieħed jagħmel mod ieħor. Il-bniedem irid jikkumbatti biex jilħaq il-ħsieb u l-imħabba ta' Alla. Alla jħobb li l-bniedem ikun ċar u fil-miftuħ miegħu, u mhux immexxi minn għeluq servili. Huwa rrispetta lil Ġob għax iddikjara li jqum fuq tiegħu quddiemu. Abraham daħal quddiemu (Alla) għaż-żewġt ibliet ħżiena qabel il-prova ta' Iżakk.

Prova b'żewġt ixfar. Alla jissuġġetta lil Abraham għal din il-porva, waqt li Abraham jitfaħħa fuq Alla. Bħal li kieku Abraham qal : "Jien nisfidak Mulej. Jien se



noqgħod għar-rieda tiegħek, imma ħa naraw tasalx sal-aħħar, jekk tibqax passiv u fis-silenzju meta l-ħajja ta' ibni – li hu ibnek ukoll – tkun fix-xifer."

U Alla bidel fehemtu u reġa' lura. Abraham rebaħ. Għalhekk Alla bagħat lill-anġlu biex iwaqqaf l-ordni u feraħlu, għax hu nnifsu kien wisq imbarazzat.

Abraham ma jieqaf qatt jissorprendina: wara li rebaħ il-logħba, sar eżiġenti. Billi Alla ċeda, Abraham ma kienx kuntent b'rebħa waħda, u kompla ir-relazzjoni tagħhom daqs li kieku xejn ma nbidel. Il-mument tiegħu kien wasal biex jiddetta l-kundizzjonijiet jew inkella jaqbad is-sikkina - u min jaf x'kien jiġri!

Ejjew nisimgħu x'jgħidilna l-Midrash:

Meta Abraham sema' l-leħen tal-anġlu, hu ma bekiex bil-ferħ jew wera gratitudni. Għall-kuntrarju beda jargumenta. Hu li sa issa kien obda b'ħalqu magħluq, f'daqqa waħda wera d-dubji tiegħu. Huwa sfida il-kontra-ordni li kien qed jispera u jistenna. L-ewwel li għamel kien li jistaqsi lill-anġlu biex jidentifika lilu nnifsu sewwa. Imbagħad ried prova li dan kien messaġġier ta' Alla, u mhux ix-Xitan. U fl-aħħar irrifjuta li jaċċetta il-messaġġ, billi qal: "Alla nnifsu ordnali li nissagrifika lil ibni, imissu kien Hu li direttament iwaqqaf din l-ordni u mhux permess ta' intermedjarju." U l-Midrash jgħid, Alla kellu jċedi għal darba oħra: Hu nnifsu kellu jgħid lil Abraham biex ma jagħmilx ħsara lit-tifel.



Din kienet it-tieni rebħa ta' Abraham; imma kien għadu mhux kuntent.

Isma'….

Meta Abraham sema' il-vuċi ċelesti tordnalu biex ma jagħmilx ħsara lit-tifel tiegħu Iżakk, huwa ddikjara: "Naħlef li ma nħallix l-artal qabel ma ngħid tiegħi."
– "Tkellem," qallu Alla.
– "Mhux int wegħedtni li d-dixxendenza tiegħi tkun numeruża daqs il-kwiekeb tas-sema?" – "Iva hekk wegħedtek." – "Id-dixxendenza ta' min tkun? Tiegħi? Tiegħi waħdi?" – "Le", wieġbu Alla, "ser tkun anke ta' Iżakk." – U inti ma wegħedtnix li se niret ukoll l-art kollha? – Iva, anke dik wegħedtek. – U din id-dixxendenza ta' min tkun? Tiegħi waħdi ? – Le wieġbu Alla anke ta' Iżakk. – Tajjeb mela Mulej, qallu Abraham

mingħajr mistħija, stajt għidtlek qabel, li l-ordni tiegħek tikkontradixxi l-wegħda. Stajt tkellimt, imma dan ma għamiltux. Kont muġugħ iżda żammejt ħalqi magħluq. Bħala ħlas irridek tagħmilli din il-wegħda: meta fil-futur, it-tfal u t-tfal tat-tfal tiegħi fil-ġenerazzjonijiet li ġejjin imorru kontra l-liġi u r-rieda tiegħek, int ukoll ma tgħid xejn u taħfrilhom.

Issa nibdew nifhmu għaliex l-isem ta' Abraham huwa sinonimu mal-*hesed*. Għaliex kien karitatevoli, mhux tant ma' Iżakk iżda ma' Alla. Seta' akkużah u urih l-iżball; iżda ma għamilx hekk. Billi qal Iva – kważi sal-aħħar – huwa stabilixxa l-fidi f'Alla u fil-ħniena tiegħU, b'dan ressaq lil Alla lejn il-ħolqien tiegħU. Abraham rebaħ – u l-Midrash jgħid – Alla jħobb jiġi mirbuħ mit-tfal tiegħu.

Imma, kuntrarju għal Alla, ix-Xitan jobgħod jiġi mirbuħ. Huwa jivvendika ruħu minn kulħadd u minkejja kollox. Wara li ġie mirbuħ minn Abraham u Iżakk, ix-Xitan idur fuq Sarah, jidher quddiemha bħala Iżakk. U jgħidilha l-istorja vera li kienet qed isseħħ fuq l-għolja Moriah. Qalilha fuq il-mixja, r-rit taċ-ċerimonja, u l-intervent mis-sema. Kien għadu bilkemm spiċċa jitkellem Satana meta Sarah ma kinitx diġà mejta fil-art. Għaliex dan ir-rakkont? X'sens għandu? Abraham ħaseb li l-*Akeda* kienet xi ħaġa biss bejnu u bejn Alla, jew bejnu u bejn ibnu biss. Kien żbaljat.

F'kull inġustizzja, f'kull avventura hemm l-element ta' dak mhux magħruf. Wieħed jimponi tbatija fuq ħabib, fuq iben, biex jirbaħ min jaf liema battalja jew jipprova teorija, fl-aħħar mill-aħħar dejjem hemm xi ħadd li jrid iħallas il-prezz - u dak ix-xi ħadd huwa ħafna darbi innoċenti. La darba l-inġustizzja issir, taħrab mill-kontroll tagħna. Meta wieħed jqis kollox, Abraham kien forsi żbaljat meta obda, jew meta ġegħelna nemmnu li kien qed jobdi. Meta daħħal lil Iżakk f'att li ma fehemx, meta lagħab bit-tbatija ta' Ibnu, ġie kompliċi fil-mewt ta' martu.

Satana seta' joqtol lil Sarah, seta' jweġġa' lil Abraham, imma lil Iżakk ma setax imissu. Iżakk jirrappreżenta l-isfida. Abraham sfida lil Alla, Iżakk sfida lill-mewt.

X'ġara minn Iżakk meta ħalla l-għolja ta' Moriah? Sar profeta. Huwa ddedika ħajtu u d-dritt għal-immortalità biex jiddefendi lil niesu.

Fl-aħħar taż-żmenijiet, jgħidu l-għorrief, Alla jgħid lil Abraham: uliedek dinbu. U Abraham jirrispondi: ħallihom imutu biex iqaddsu ismek. Imbagħad Alla jdur fuq Ġakob u jgħidlu: uliedek dinbu. U Ġakob jirrispondi: ħallihom imutu biex jitqaddes ismek. Imbagħad Alla jkellem lil Iżakk: uliedek dinbu. U Iżakk iwieġeb: uliedi? Dawn mhux tiegħek ukoll? Mhux tiegħek ukoll? Huwa privileġġ ta' Iżakk li jibqa' Israel *Melitz-Yosher,* id-difensur tal-poplu tiegħu, li jagħmel it-talba tiegħu b'abbiltà kbira. Huwa intitulat li jgħid li jrid lil Alla, jitlob li jrid minnU. Għaliex huwa bata? Le. It-tbatija fit-tradizzjoni Lhudija ma għandha l-ebda privileġġ. Kollox jiddependi x'wieħed jagħmel minn dik t-tbatija. Iżakk kien jaf jibdilha f'talb u mħabba mhux f'rabja u saħta. Dan huwa dak li tah id-dritt u l-qawwa li l-ebda bniedem ieħor ma għandu. Il-ħlas ta' dan? It-tempju kien mibni fuq l-għolja Moriah. Mhux fuq is-Sinaj.

Ejjew immorru lura għall-mistoqsija tal-bidu: għaliex l-iżjed antenat traġiku tagħna kien jismu Iżakk, isem li jipprovoka u jfisser daħk? Dan hu l-għaliex. Bħala l-ewwel bniedem meħlus, kellu jgħallimna, li huwa possibbli li tbati u tkun f'disperazzjoni ħajtek kollha imma qatt ma tħalli l-arti li tidħak.

Iżakk, bla dubju, qatt ma ħeles lilu nnifsu mix-xeni trawmatizzanti li vvjolentaw żgħożitu; l-Olokawst immarkalu ħajtu u baqa' jiġri warajh ħajtu kollha. Minkejja kollox kien baqagħlu l-kapaċità li jidħak. Fuq kollox huwa veru daħak.




*Fr Charles Buttigieg*

**Ħarsa lejn it-Tagħlim fiż-Żewġ Ittri ta' San Pawl Appostlu lit-Tessalonkin**

*"Għax intom tafu sewwa li jum il-Mulej jasal bħal ħalliel bil-lejl." (1 Tessalonkin 5:2)*

## L-Ewwel u t-Tieni Ittri lit-Tessalonkin

L-ewwelnett, il-belt ta' Tessalonika, li hija Salonika tal-lum fil-grigal tal-Greċja, kienet imwaqqfa fis-sena 316 Q.K. Hija kienet imsemmija għal oħt Alessandru l-Kbir u kienet il-Belt Kapitali tal-Provinċja tal-Maċedonja. Il-belt kienet famuża, għaliex minnha kienet tgħaddi l-'Via Egnatia', it-triq prinċipali li kienet tgħaqqad l-Asja Minuri mal-Ewropa u għalhekk għal San Pawl serviet ta' punt strateġiku ferm importanti, imnejn il-fidi nisranija setgħet tinxtered ma' kullimkien: "Għax minn għandkom dwiet il-Kelma tal-Mulej, mhux biss fil-Maċedonja u fl-Akaja, imma kullimkien xterdet il-fidi tagħkom f'Alla..." (1 Tess 1:8, ara Atti 17:1-19).

L-Ewwel Ittra lit-Tessalonkin inkitbet f'Korintu madwar is-sena 51 W.K., wara li Pawlu kellu jaħrab hu u Silas minn Tessalonika għal Bereja, imbagħad Ateni u imbagħad għal Korintu fit-tieni vjaġġ missunarju (ara Atti 17:1-34). Hija l-eqdem kitba kanonika tal-Ġdid Testment. Hawnhekk San Pawl jikteb sabiex iqawwi l-qalb tal-insara ta' din il-belt, wara li kien irċieva xi aħbarijiet, ħalli ma jerġgħux jaqgħu lura għall-paganiżmu u jkellimhom dwar il-Parusija jiġifieri t-Tieni Miġja Glorjuża ta' Ġesù. It-Tieni Ittra lit-Tessalonkin, inkitbet ftit xhur wara l-ewwel waħda, wara li San Pawl sema' bit-tfixkil li kien hemm fil-komunità, billi xi uħud bdew jgħidu li l-Parusija kienet fil-qrib u għalhekk intefgħu fil-għażż. Hawnhekk, San Pawl b'awtorità tiegħu ta' appostlu jwissi kontra dan l-aġir żbaljat. Fit-tislima tal-bidu taż-żewġ ittri, isemmi flimkien miegħu lil Silas (Silvanu) u lil Timotju (ara 1 Tess 1:1 u 2 Tess 1:1). Ta' min isemmi li Aristarku u Sekundu dixxipli ta' San Pawl, kienu proprju minn Tessalonika (ara Atti 20:4).

## Bil-Kurazza tal-Fidi u l-Elmu tat-Tama

Huwa ċert li San Pawl permezz ta' dawn iż-żewġ ittri jrid jagħmel kuraġġ lil din il-komunità billi jsaħħaħha fil-fidi u jsaffiha minn kull tagħlim u twemmin żbaljat: "...Għixu fis-sliem bejnietkom, widdbu lill-għażżenin, agħmlu l-qalb lill-beżżiegħa, għinu lid-dgħajfa, stabru b'kulħadd, ifirħu dejjem, itolbu bla waqfien, roddu ħajr lil Alla f'kollox, għax dan hu li jrid Alla minnkom fi Kristu Ġesù" (1 Tess 5:13-18). Hija din il-fidi li tkompli ssaħħaħhom anke quddiem il-ħafna tfixkil u tkompli timlihom bit-tama fil-Mulej: "...Hekk inkunu mal-Mulej dejjem. Mela farrġu lil xulxin b'dal-kliem" (1 Tess 4:17-18); "Sidna Ġesù Kristu stess u Alla Missier tagħna, li ħabbna u tana l-kuraġġ ta' dejjem u tama bil-grazzja" (2 Tess 2:16).

## Ejja Mulej Ġesù

F'dawn iż-żewġ ittri, San Pawl jitkellem l-iktar dwar it-Tieni Miġja Glorjuża ta' Ġesù (ara 1 Tess 4:13–5:11 u 2 Tess 2:1-12). Huwa jisħaq li n-nisrani għandu jaħdem u jagħmel it-tajjeb waqt li jistenna lill-Mulej għaliex ħadd ma jaf meta dan se jseħħ. San Pawl jistedinhom biex jaħdmu u ma jitgħażżnux għax importanti li wieħed ikun ppreparat għall-Miġja tal-Mulej u mhux jistennew u ma jagħmlu xejn bħalma kienu qegħdin jagħmlu xi whud: "biex ma toqogħdux titħawdu u tinħasdu bħallikieku l-miġja tal-Mulej qorbot u la jekk tkunu mnebbħin mill-Ispirtu u lanqas jekk tisimgħu xi kelma jew taqraw xi ittra taparsi minn għandna" (2 Tess 2:2); "Issa aħna smajna li hemm xi uħud fostkom li qegħdin jitgħażżnu; m'humiex jaħdmu imma qegħdin jinħlew fix-xejn" (2 Tess 3:11).

Huwa fil-fatt jurihom kemm hu u sħabu, filwaqt li kienu jistennew il-Miġja tal-Mulej, kienu lkoll jaħdmu għall-għajxien tagħhom: "Intom ħuti tiftakru fit-taħbit u t-tbatija kbira tagħna, aħna ħdimna bil-lejl u bi nhar biex lil ħadd minnkom ma ngħabbu" (1 Tess 2:9). Din il-verità tal-Parusija għandha għalhekk timlihom

bil-kuraġġ u t-tama ħalli jibqgħu fil-Mulej u jħobbu lil xulxin: "Fuq l-imħabba tal-aħwa ma għandniex għalfejn niktbulkom, għax intom tgħallimtu minn Alla nnifsu tħobbu lil xulxin u dan intom tagħmluh mal-aħwa kollha…(1 Tess 4:9-10); "Jalla l-Mulej iwassal lil qlubkom għall-imħabba ta' Alla u s-sabar ta' Kristu" (2 Tess 3:5).

## Konklużjoni

It-tagħlim ta' San Pawl lit-Tessalonkin għandu jkompli jsaħħaħna fit-talba tal-ewwel insara, li għandha tkun it-talba tagħna lkoll, fiż-żmien tal-Avvent: 'Ejja Mulej Ġesù' (bl-aramajk: *marana' ta'*, fil-forma griega: *maranatha*). Irridu mela nissaħħu fil-fidi, inħobbu lil xulxin ħalli b'hekk nittamaw fis-salvazzjoni: "Għax Alla ma għażilniex għall-għadab, imma għar-rebħa tas-salvazzjoni permezz ta' Sidna Ġesù Kristu li miet għalina biex, imqajmin jew reqdin, ngħixu flimkien miegħu" (1 Tess 5:9-10).

## Biblijografija


Aletti, J.-N., "L'apôtre Paul et la parousie de Jésus Christ. L'eschatologie paulinienne et ses enjeux", *RSR* 84 (1996) 15-41.

Holtz, T., *Der erste Brief an die Thessaloniker*, EKKNT 13, Zurich 1986.

Plevnik, J., "1 Thessalonians 4:17: The Bringing in of the Lord or the Bringing in of the Faithful?", *Biblica* 80 (1999) 537-546.

Simpson, J.W., "Lettere ai Tessalonicesi", in G.F. Hawthorne – R.P. Martin – D.G. Reid (eds.), *Dizionario di Paolo e delle sue Lettere*, Torino 2000, 1529-1541.

Wanamaker, C., "Like a Father treats his own children, Paul and the Conversion of the Thessalonians", *Journal of Theology for Southern Africa* 92 (1995) 46-55.

Wright, N.T., "Justification and Eschatology in Paul and Qumran", in A. Sang-Won (ed.), *History and Exegesis: New Testament Essays in Honour of Dr. E. Earle Ellis for His 80th Birthday*, London 2006, 104-132.






# EKUMENIŻMU U DJALOGU INTER-RELIĠJUŻ FIL-*VERBUM DOMINI*

***P Marcello Ghirlando ofm***

Żewġ elementi sbieħ u importanti li joħorġu mill-Eżortazzjoni Apostolika *Verbum Domini* huma dak li jmiss id-djalogu ekumeniku u ieħor li jmiss id-djalogu inter-reliġjuż. Fil-fatt, fl-Introduzzjoni tal-Eżortazzjoni, fin-numru 4, diġà nsibu ħjiel ta' dawn iż-żewġ tipi ta' djalogu. Wara li l-Papa jitkellem fuq l-esperjenza tas-Sinodu tal-Isqfijiet li riedu jinġabru anke fiżikament madwar il-Ktieb tal-Iskrittura Mqaddsa biex juru li Alla għadu jkellimna llum, hu jgħaddi biex juri l-apprezzament tiegħu għad-diversi interventi magħmula mid-delegati tad-diversi Knejjes Insara li aċċettaw li jieħdu sehem fis-Sinodu u anke tal-intervent ta' Rabbi Lhudi li tkellem fuq l-Iskritturi Lhud.

Fin-numru 4 hekk naqraw: "Fit-tnax-il assemblea tas-Sinodu, Isqfijiet minn madwar id-dinja nġabru wadwar il-Kelma ta' Alla u b'mod simboliku qiegħdu it-test tal-Bibbja fiċ-ċentru

tal-assemblea biex jerġgħu jġeddu dak li hemm il-bżża' nidraw: jiġifieri li Alla jkellimna u jwieġeb għall-mistoqsijiet tagħna. Flimkien smajna u ċċelebrajna l-Kelma tal-Mulej. Qsamna ma' xulxin dak li l-Mulej qed jagħmel fost il-poplu ta' Alla u qsamna t-tamiet tagħna u wkoll dak li jħassibna. Dan kollu għinna biex nifhmu li nistgħu napprofondixxu r-relazzjoni tagħna mal-Kelma ta' Alla flimkien, bħala Knisja, aħna u nisimgħu u nilqgħu lil xulxin. Minn hawn toħroġ il-gratitudni tagħna għax-xhieda dwar il-ħajja tal-Knisja li bosta tkellmu fuqha. Ħaġa li messet il-qalb tagħna kienu l-mumenti li fihom tkellmu ħutna d-delegati tal-Knejjes Insara l-oħra li laqgħu l-istedina tagħna biex jieħdu sehem fil-laqgħa tal-assemblea sinodali. F'moħħi qed jiġi partikolarment il-meditazzjoni mogħtija lilna mill-Qdusija Tiegħu Bartilmew I, il-Patrijarka Ekumeniku ta' Kostantinopli, meditazzjoni li ġiet apprezzata ħafna mill-membri tas-Sinodu. Ukoll, għall-ewwel darba s-Sinodu tal-Isqfijiet stieden Rabbi li offrielna xhieda prezzjuża fuq l-Iskritturi Lhud, li huma wkoll parti mill-Iskritturi tagħna".

F'dan kollu l-Papa jara li fil-Knisja qiegħda sseħħ Pentekoste ġdida; il-Knisja għadha titkellem b'ilsna diversi għaliex fi ħdanha stess hemm preżenti ħafna modi ta' kif wieħed jagħmel esperjenza ta' Alla, diversi kulturi, u kobor immens ta' esperjenzi umani li jixhdu għall-kobor immens tal-istess Kelma ta' Alla. Il-Pentekoste ma tiqafx: diversi popli għadhom qed jistennew li tixxandrilhom il-Kelma ta' Alla b'ilsienhom u fil-kultura tagħhom.

## Ekumeniżmu

Fl-ewwel parti tal-Eżortazzjoni Apostolika, il-Papa jiddedika paragrafu sħiħ (numru 46) għall-Bibbja u l-Ekumeniżmu, jiġifieri il-ħidma favur l-għaqda bejn il-Knejjes Insara.

Hawnhekk il-Papa jerġa' ifakkar fiċ-ċentralità tat-talb bil-Kelma ta' Alla u tal-Istudju tal-Iskrittura Mqaddsa fid-djalogu ekumeniku. Hija l-Iskrittura nnifisha li tfakkar fit-talba mqanqla li Ġesù jagħmel għall-għaqda tad-dixxipli tiegħu. Fis-smigħ u fil-meditazzjoni tal-Kelma ta' Alla, l-Insara mifrudin jistgħu diġà jagħmlu esperjenza ta' għaqda vera, anke jekk mhux sħiħa. Hija l-Kelma li tfejjaq il-firdiet u tħoll il-preġudizzji li l-Insara ġejjin minn denominazzjonijiet diversi jista' jkollhom għal xulxin. Hija l-Iskrittura li tqanqal studju u riflessjoni aktar serja fuq dak li għadu jifridna, per eżempju l-interpretazzjoni tal-Iskrittura bħala Knisja u r-rwol tal-maġisteru tal-Knisja.

Imma ejjew naqraw x'jgħid Benedittu XVI testwalment: "Konxju li l-Knisja ssib il-pedament tagħha fi Kristu, il-Kelma inkarnata ta' Alla, is-Sinodu xtaq jemfasizza ċ-ċentralità tal-istudji bibliċi fid-djalogu ekumeniku li bħala skop għandu l-espressjoni tal-għaqda ta' dawk kollha li jemmnu fi Kristu. L-Iskritturi nfushom għandhom fihom it-talba mqanqla ta' Ġesù lill-Missier biex id-dixxipli jkunu ħaġa waħda, sabiex id-dinja temmen (ara: Ġw 17, 21). Dan kollu jsaħħaħ il-konvinzjoni tagħna li fis-smigħ u l-meditazzjoni ta' flimkien tal-Iskritturi nagħmlu esperjenza ta' għaqda vera, anke jekk mhux sħiħa. Is-smigħ flimkien tal-Iskritturi jmexxi 'l quddiem id-djalogu tal-karità u jgħinna nibnu fid-djalogu tal-verità. Li nisimgħu flimkien il-Kelma ta' Alla, li flimkien nagħmlu l-*Lectio Divina*, li nħallu lilna nfusna nintlaqtu mill-Kelma ta' Alla dejjem ġdida u friska, li ma nkunux torox quddiem dawk il-kelmiet li ma jsibux posthom fl-opinjonijiet u l-preġudizzji tagħna, li nisimgħu u nistudjaw flimkien fil-għaqda ta' dawk li jemmnu ta' kull żmien: dan kollu jesprimi mod ta' kif naslu għall-għaqda tal-fidi bħala tweġiba għas-smigħ tal-Kelma ta' Alla. Il-kliem tal-Konċilju Vatikan II f'dan ir-rigward kien ċar: 'Fid-djalogu ekumeniku innifsu, l-Iskrittura

Mqaddsa hija strument fl-id setgħana ta' Alla biex naslu għal dik l-għaqda li l-Feddej joffri lil kulħadd' (*Unitatis Redintegratio,* 21). Għalhekk irid ikun hemm żjieda fl-istudju ekumeniku, fid-diskussjoni u fiċ-ċelebrazzjonijiet tal-Kelma ta' Alla, b'rispett lejn in-normi u l-varjetà tat-tradizzjonijiet...

F'din il-ħidma ta' studju u talb, nagħrfu bil-kalma kollha dawk l-aspetti li għad iridu jiġu studjati b'mod aktar profond u dawk l-aspetti li fuqhom għad m'għandniex ftehim, bħall-għarfien tas-suġġett fundametali tal-interpretazzjoni fil-Knisja u r-rwol deċiżiv tal-maġisteru.

Fl-aħħarnett, nixtieq nenfasizza l-istqarrijiet tal-membri tas-Sinodu fuq l-importanza ekumenika tat-traduzzjonijiet tal-Bibbja fid-diversi ilsna. Aħna nafu li t-traduzzjoni ta' test bibliku mhux biss xi att mekkaniku imma li b'xi mod huwa parti mill-ħidma tal-interpretazzjoni tal-Iskrittura. F'dan ir-rigward, Il-Papa Ġwanni Pawlu II kien osserva li 'kull min jiftakar kemm id-dibattiti l-kbar fuq l-Iskrittura ħolqu diviżjonijiet, speċjalment fil-Punent, jista' japprezza il-pass kbir 'il quddiem li huma espressi f'dawn it-traduzzjonijiet' (*Ut Unum Sint*, 44). Il-mixja ekumenika teħtieġ il-promozzjoni ta' traduzzjonijiet komuni. Nixtieq nirringrazzja lil dawk kollha li huma parti minn din il-ħidma importanti u nagħmlilhom kuraġġ biex jipperseveraw f'din il-ħidma.'

## Djalogu Inter-reliġjuż

Fit-tielet parti tal-Eżortazzjoni Appostolika, fejn il-Papa jitkellem mix-xandir tal-Kelma ta' Alla, in-numri 117-120 huma iddedikati lid-Djalogu Inter-reliġjuż. Dawn in-numri fil-fatt huma miktuba taħt is-sotto-titlu, Il-Kelma ta' Alla u d-Djalogu Inter-reliġjuż.

Fin-numru 117 il-Papa jitkellem fuq il-valur ta' dan it-tip ta' djalogu, forsi anke quddiem il-mistoqsija ta' ħafna li jistaqsu fuq jekk huwiex neċessarju dan it-tip ta' djalogu li l-Knisja Kattolika toffri lir-Reliġjonijiet l-oħra u anke quddiem l-iżball li nqiegħdu r-reliġjonijiet kollha f'borma waħda. Naqraw testwalment dak li jikteb il-Papa f'dan in-numru.

"Il-Knisja tqis bħala parti essenzjali tax-xandira tal-Kelma l-laqgħa, id-djalogu u l-kollaborazzjoni mal-bnedmin kollha ta' rieda tajba, b'mod partikulari ma' dawk li jimxu u jemmnu fid-diversi tradizzjonijiet reliġjużi tal-umanità. Dan għandu jseħħ mingħajr forom ta' sinkretiżmu u relativiżmu u jsir skont il-linji li ġew murija fid-Dikjarazzjoni *Nostra Aetate* tal-Konċilju Vatikan II (Id-Dikjarazzjoni fuq ir-Relazzjoni tal-Knisja mar-



Reliġjonijiet mhux Insara) u kif din ġiet żviluppata mill-Papiet. Illum il-ġurnata, il-pass mgħaġġel tal-globalizzazzjoni tagħmilha possibbli biex nies ta' diversi kulturi u reliġjonijiet jkunu f'kuntatt aktar qrib. Din hija opportunità providenzjali li tista' turi kemm ir-reliġjożità awtentika tista' tikkultiva fraternità universali. Illum, fis-soċjetajiet sekularizzati tagħna, huwa importanti ħafna li r-reliġjonijiet ikunu kapaċi jikkultivaw mentalità li tara lill-Kbir Alla bħala l-pedament ta' dak kollu li huwa tajjeb, l-għajn bla taqta' tal-ħajja morali u l-qawwa li jqanqal sens profond ta' fraternità universali.

Per eżempju, fit-tradizzjoni Ġudeo-Kristjana, wieħed isib xhieda li tqanqal tal-imħabba ta' Alla lejn il-popli kollha: fil-patt ma' Noè jgħaqqadhom f'tgħanniqa kbira li hija espressa mill-qawsalla fis-smewwiet (ara: Ġen 9, 13.14.16) u li, skont il-kelmiet tal-profeti, jixtieq jiġborhom flimkien f'familja waħda (ara: Iż 2, 2ff; 42, 6; 66, 18-21; Ġer 4, 2; Salm 47). Evidenza ta' konnessjoni bejn relazzjoni ma' Alla u etika ta' mħabba lejn kulħadd hija misjuba f'ħafna mit-tradizzjonijiet reliġjużi l-kbar".

In-numru 118 huwa iddedikat lid-Djalogu mal-Musulmani. Irridu niftakru li wħud mill-Isqfijiet li ħadu sehem fis-Sinodu jmexxu l-Insara tagħhom f'pajjiżi ta' maġġoranza Musulmana. Dan mingħajr ma ninsew kemm il-għadd ta' Musulmani, anke fil-Punent, huwa kbir f'diversi pajjiżi tal-Ewropa. Il-Kelma ta' Alla tqanqal il-Knisja biex tibqa' tagħmel u ttejjeb dan id-djalogu mal-Islam. Hekk jikteb Benedittu XVII: "Fost id-diversi reliġjonijiet il-Knisja tħares b'rispett lejn il-Musulmani li jqimu lil Alla wieħed. Huma jħarsu lejn Abraham u jqimu lil Alla bit-talb, bil-karità u bis-sawm. Nagħrfu li t-tradizzjoni Islamika tinkludi ħafna mill-persunaġġi, figuri, simboli u temi bibliċi. Bl-isforzi li beda l-Papa Ġwanni Pawlu II, nixtieq nesprimi t-tama tiegħi li r-relazzjonijiet ta' fiduċja li twaqqfu bejn l-Insara u l-Musulmani matul is-snin ikomplu jiżviluppaw fi spirtu ta' djalogu sinċier u mimli rispett. F'dan id-djalogu is-Sinodu talab li ssir riflessjoni aktar profonda fuq ir-rispett għall-ħajja bħala valur fundamentali, id-drittijiet inaljenabbli tal-irġiel u tan-nisa u d-dinjità ugwali tagħhom. Meta nżommu quddiem għajnejna d-distinzjoni netta li hemm bejn l-ordni soċjo-politiku u dak reliġjuż, ir-reliġjonijiet diversi iridu jagħtu l-kontribut speċifiku tagħhom lejn il-ġid komuni. Is-Sinodu talab lill-Konferenzi tal-Isqfijiet, kull fejn huwa sewwa li jsir, li jinkoraġixxu laqgħat li bħala skop iridu jgħinu lill-Insara u lill-Musulmani jsiru jafu aħjar lil xulxin biex imexxu 'l quddiem dawk il-valuri li s-soċjetà teħtieġ għall-koeżiżtenza pożittiva u paċifika".

Il-Papa jikteb anke kelma (numru 119) fuq ir-rispett li l-Knisja għandha lejn ir-reliġjonijiet antiki u t-tradizzjonijiet spiritwali li nsibu fid-diversi kontinenti. Isemmi l-valuri sbieħ ta' wħud minnhom: "ir-rispett lejn il-ħajja, il-kontemplazzjoni, is-skiet u s-sempliċità" li nsibu fil-Buddiżmu; "is-sens tas-sagru, is-sagrifiċċju u s-sawm" li nsibu fl-Induwiżmu; "il-familja u l-valuri soċjali" li nsibu fil-Konfuċjaniżmu. "Il-ħsieb ġenwin għat-traxxendenza ta' Alla magħruf bħala Ħallieq, ir-rispett għall-ħajja, għaż-żwieġ u l-familja, is-sens ta' solidarjetà" li nsibu f'esperjenzi reliġjużi oħra tad-dinja.

Fin-numru 120, fil-kuntest tad-Djalogu Inter-reliġjuż, il-Papa jikteb kelma fuq il-libertà reliġjuża: "Id-djalogu ma jagħtix il-frott jekk ma jinkludix fih rispett awtentiku għal kull persuna u l-ħelsien biex wieħed jipprattika ir-reliġjon tiegħu...b'mod privat u b'mod pubbliku, b'libertà ta' kuxjenza li tiġi garantita lil kull min jemmen...għax ir-rispett u d-djalogu jrid jiġi miż-żewġ naħat f'kollox, speċjalment f'dak li għandu x'jaqsam ma' libertajiet

bażiċi, u b'mod partikulari l-libertà reliġjuża. Dan ir-rispett u djalogu jħares is-sliem u l-ftehim bejn il-popli".

## Djalogu mal-Ġudaiżmu

Fin-numri li għadna kemm tkellimna fuqhom ma jissemmiex il-Ġudajiżmu. Fil-fatt, għad-djalogu mal-Ġudajiżmu, irridu mmorru lura għan-numru 43 fejn il-Papa Benedittu jitkellem fuq l-Insara, il-Lhud u l-l-Iskritturi Mqaddsa. Interessanti ninnutaw illi f'dan il-paragrafu l-Papa jerġa' jtenni dak li kien qal il-Konċilju Vatikan II fid-Digriet tiegħu *Nostra Aetate,* Digriet li kien għamel riferiment għal dak li kiteb l-Appostlu Pawlu fil-kapitli 9-11 tal-Ittra lir-Rumani. Din id-darba fil-kuntest tal-Iskritturi Mqaddsa.

Anke hawn, nixtieq inġib dak li kiteb il-Papa: "Wara li ġibna quddiem għajnejna ir-relazzjoni intima li hemm bejn il-Ġdid u l-Antik Testment, irridu issa nħarsu b'mod naturali lejn dik ir-rabta speċjali li din ir-relazzjoni nisslet bejn l-Insara u l-Lhud...il-Papa Ġwanni Pawlu II sejħilhom 'ħutna l-għeżież fil-fidi ta' Abraham, il-Patrijarka tagħna'".

Il-Papa jistqarr li din ir-rabta speċjali ma tnaqqasx il-mumenti ta' diskontinwità li l-Ġdid Testment jistqarr li għandu fir-rigward tal-istituzzjonijiet tat-Testment il-Qadim, u lanqas ma tnaqqas it-twemmin nisrani li f'Ġesù Kristu, Messija u Iben ta' Alla, sabu l-milja tagħhom fl-Iskritturi kollha. Imma din id-differenza mgħandhiex timplika ostilità reċiproka.

"L-eżempju ta' San Pawl (Rum 9-11) juri li atteġġjament ta' rispett, stima u mħabba għall-poplu Lhudi huwa l-uniku atteġġjament nisrani veru fis-sitwazzjoni preżenti, li hija parti mill-pjan pożittiv ta' Alla: 'Alla ma jreġġax lura d-doni u s-sejħa tiegħu!'" (Rum 11, 28-29).

Benedittu XVI ifakkar l-eżempju sabiħ li jġib San Pawl: aħna, bħala Insara, bħala fergħa selvaġġa, ġejna mlaqqma fis-siġra taż-żebbuġa t-tajba, jiġifieri l-Poplu tal-Patt. "Fi kliem ieħor, aħna nirċievu s-sustanza mill-istess għeruq spiritwali. Niltaqgħu bħala aħwa li matul l-istorja kellhom relazzjoni mhux dejjem feliċi, imma li issa hija relazzjoni impenjata biex jinbnew pontijiet ta' ħbiberija dejjiema. Kif kien qal l-Papa Ġwanni Pawlu II: 'Għandna ħafna li jgħaqqadna. Flimkien nistgħu naħdmu għall-paċi, il-ġustizzja u għal dinja aktar umana u fraterna'".

Il-Papa jagħlaq dan il-paragrafu b'dawn il-kelmiet: "Nixtieq nistqarr għal darb'oħra kemm il-Knisja tgħożż id-djalogu tagħha mal-Lhud...tajjeb li jinħolqu opportunitajiet għal laqgħat flimkien li jgħinu fl-għarfien u fl-istima reċiproka, fil-kollaborazzjoni u anke fl-istudju tal-Iskritturi Mqaddsa".





# IL-LHUD FL-EVANĠEJLU SKONT SAN MARK

*Rev Dr Martin Micallef OFM Cap*

Kważi l-istudjużi kollha tat-Testment il-Ġdid jaqblu li l-Evanġelju skont San Mark huwa l-ewwel Evanġelju li ġie miktub u li aktar tard intuża minn San Mattew u minn San Luqa. F'dan l-artiklu ser nippruvaw neżaminaw fil-qosor l-identità u r-rwol tal-gruppi li jissemmew fin-narrattiva ta' San Mark, speċjalment dawk li huma ppreżentati li huma kontra Ġesù.

Fuq il-bażi ta' din l-analiżi nippruvaw nikkonkludu jekk l-Evanġelju skont San Mark għandux tracċi ta'anti-semitiżmu jew ta' anti-Ġudaiżmu.

## Id-Dixxipli

In-narrattiva tal-Evanġelju skont San Mark tikkonsisti f'numru ta' karattri li jissemmew, xi wħud b'isimhom u oħrajn jibqgħu bla isem, xi wħud jissemmew b'mod individwali u oħrajn bħala grupp ta' persuni.[1] Mill-mod kif dawn il-karattri jaħsbu jew jitkellmu ma' Ġesù, l-Evanġelista jistieden lill-qarrejja sabiex iwieġbu b'mod pożittiv jew negattiv għar-rwol tagħhom fl-istorja li jirrakkonta. Dan ifisser li l-istudju tal-karattri jipprovdilna mezz ta' kif nistgħu b'xi mod naslu għall-preġudizzji tal-awtur tal-Evanġelju permezz ta' dak li jgħidilna fuqhom jew bil-mod kif jippreżentahom.

Wara Ġesù, id-dixxipli huma l-aktar karattri prominenti fl-istorja ta' Marku. Il-prominenza tagħhom toħroġ tajjeb permezz tal-istruttura tan-narrattiva.[2] L-istampa tad-dixxipli f'Marku hija waħda komplessa. Min-naħa, id-dixxipli, speċjalment it-Tnax, huma dawk li jwieġbu għas-sejħa ta' Ġesù biex jimxu warajh. Huma għandhom il-privileġġ li jkunu fil-kumpanija ta' Ġesù (Mk 3,14), li jirċievu tagħlim speċjali (4,13-20), u li jaqsmu fil-ministeru ta' Ġesù (6,7-13). F'kuntrast mal-'folla' huma jafu min hu Ġesù (8,27-29), id-dixxipli, iżda, spiss juru li ma jifhmux lil Ġesù (ara 4,13; 6,52). Xi drabi saħansitra huma msejħin bi kliem li jintuża għall-għedewwa ta' Ġesù: huma "moħħhom magħluq" (6,52), "għomja" huma "torox" (8,18) u "nies bla fidi" (9,19). Pietru jiġi msejjaħ "xitan" (8,33). B'danakollu, iżda, m'hemm l-ebda ħjiel ta' anti-Ġudaiżmu fil-mod kif San Mark jitratta lid-dixxipli.

## Il-Folla

It-tieni grupp distint mid-dixxipli f'Marku hija "l-folla."[3] Bl-eċċezzjoni ta' meta Ġesù kien ifittex li jevita l-folla (1,35-39), Ġesù kien spiss jgħallem (2,13) u jwettaq mirakli (3,7-12) fil-preżenza tagħhom. Il-folla, għalkemm mhux bilfors magħmula mill-istess persuni, tidher għall-aħħar darba f'15,8-15. Iżda hawn għall-ewwel darba tieħu r-rwol ta' antagoniżmu għal Ġesù billi titlob il-ħelsien ta' Barabba filwaqt li tgħajjat biex Ġesù "is-Sultan tal-Lhud" jiġi msallab (15,11-14).

Minħabba li l-kuntest hawnhekk, bħal f'ħafna xeni oħra jissuġġerixxi li l-folla hija magħmula mil-Lhud aktar milli minn persuni pagani, wieħed jista' jasal għall-konklużjoni ta' anti-Ġudaiżmu. Zgur li matul l-istorja tal-Kristjaneżmu l-Lhud ġew akkużati li qatlu lil Ġesù, imma t-test ta' San Mark iqiegħed ir-responsabbilità fuq l-azzjonijiet tal-folla, b'mod espliċitu fuq il-qassisin il-kbar (15,11) li l-kompliċità tagħhom hija waħda kbira fil-mewt ta' Ġesù. Minħabba f'hekk, mhux faċli li twaħħal fil-folla biex tasal għall-konklużjoni li l-Evanġelju skont San Mark juri sentimenti ta' anti-Ġudaiżmu.

## Il-Lhud

"Il-Lhud" hija kelma li tissemma daqs sitt darbiet f'Marku, ħames darbiet fit-titlu "Is-Sultan tal-Lhud" (15,2.9.12.18.26), titlu li kif wieħed jistenna, insibuh fuq xufftejn persuni li mhumiex Lhud. "Is-Sultan ta' Iżrael" imbagħad jintuża mil-Lhud f'15,32 meta l-Qassisin il-Kbar, flimkien mal-kittieba, jgħajru lil Ġesù: "Ħa jinżel issa l-Messija, is-Sultan ta' Iżrael, minn fuq is-salib biex aħna naraw u nemmnu!"

F'7,3 l-Evanġelista jipprovdi kumment biex jispjega lill-qarrejja tiegħu kif: "Il-Fariżej, u l-Lhud kollha, biex iħarsu t-tradizzjoni ta' missirijiethom, ma jmissux ikel qabel ma jkunu ħaslu idejhom sewwa." Minkejja l-kuntest ta' kwestjonijiet fuq il-liġijiet ritwali tal-Lhud f'7,1-23, nistgħu ngħidu li l-użu ta' "il-Lhud kollha" hawnhekk, bħal dik ta' "Sultan tal-Lhud" hija espressjoni newtrali u ma tirriflettix xi ħjiel ta' anti-Ġudaiżmu.[4]

## Il-Partiti Reliġjuzi Lhud

Stampa totalment differenti toħroġ, iżda, meta l-attenzjoni tagħna taqa' fuq il-gruppi l-oħra li jissemmew f'Marku: il-kittieba, il-Fariżej, il-Qassisin il-Kbar, ix-Xjuħ, l-Erodjani, is-Sadduċej, u s-Sanedrin. Sebgħa b'kollox. Dawn il-gruppi li huma pjuttost numerużi f'Marku, kellhom il-mod tagħhom kif jinfluwenzaw il-ħajja tal-Lhud l-oħra ta' żmienhom.[5]

IL-KITTIEBA nsibuhom ta' spiss f'Marku, kważi d-doppju li jissemmew il-Fariżej, jiġifieri, madwar 21 darba. Huma jidhru wkoll ma' gruppi oħra. Bl-eċċezzjoni tal-istorja ta' "wieħed mill-kittieba" li Ġesù jgħidlu: "m'intix 'il bogħod mis-Saltna ta' Alla" (12,34), ir-referenzi kollha għall-"kittieba" huma bħala grupp u Marku jqegħedhom f'dawl negattiv bħala l-antagonisti ta' Ġesù. Hekk, per eżempju, it-tagħlim ta' Ġesù huwa ppreżentat f'kuntrast ma' dak tagħhom (1,22; 9,11-13). Huma jeħduha ma' Ġesù fuq is-setgħa tiegħu li jaħfer id-dnubiet (2,6-7) u fuq l-eżorċiżmi (3,22; 9,14). Fuq kollox, f'rabta mal-Qassisin il-Kbar u l-membri tas-Sanedrin, huma għandhom rwol attiv fl-arrest, fil-proċess u fil-mewt ta' Ġesù (11,18.27; 14,1 eċċ). Fuq kollox, Ġesù jwissi lin-nies: "Ifthu għajnejkom mill-kittieba, li jħobbu jduru mat-toroq bi lbiesi twal, jixtiequ min isellmilhom fil-pjazez ..." (12,38-40).[6]

Il-FARIŻEJ ukoll jidhru ta' spiss f'Marku bħala l-antagonisti ta' Ġesù. Huma jissemmew madwar 12-il darba, weħidhom jew ma' gruppi oħra. L-ebda referenza ma tippreżentahom f'dawl tajjeb. Ħafna drabi huma jeħduha kontra Ġesù fuq kwestjonijiet dwar il-ħarsien tal-Liġi, speċjalment il-ħarsien tal-Jum tas-Sibt, fuq liġijiet ritwali u fuq id-divorzju. Ġesù jsejħilhom "nies ta' wiċċ b'ieħor" (7,6) u jirrifjuta t-talba tagħhom li jwettaq sinjal fi 8,11-12, filwaqt li jwissi lid-dixxipli kontra "ħmira tal-Fariżej" (8,15). B'danakollu, f'dan l-Evanġelju, il-Fariżej *per se* ma għandhom l-ebda rwol fil-qtil ta' Ġesù. Huma ma jissemmewx fit-tħabbiriet tal-passjoni ta' Ġesù u ma jidhrux fir-rakkonti tal-passjoni.[7]

IL-QASSISIN IL-KBAR. Dawn jissemmew aktar spiss mill-Fariżej, 14-il darba b'kollox. Huma jidhru weħidhom, jew ma' gruppi oħra, għalkemm ma jissemmewx fil-bidu tan-narrattiva iżda lejn l-aħħar, meta Ġesù jasal Ġerusalemm. Huma jippjanaw mal-kittieba kif se joqtlu lil Ġesù (11,18; 14,1), u kif flimkien ma' Ġuda kellhom jaqbdu lil Ġesù. Huma jaħdmu mal-kittieba u x-xjuħ biex jistaqsu lil Ġesù (11,27) u biex jarrestaw lil Ġesù (14,43). Bħala membri tal-Sinedriju, huma jinterrogaw lil Ġesù filwaqt li jakkużawh (14,53.55) sakemm jgħadduh lil Pilatu (15,1). Huma jħabirku sabiex Pilatu jasal biex jagħti sentenza tal-mewt lil Ġesù (15,13). Fl-aħħar huma jingħaqdu mal-kittieba fit-tgħajjir taħt is-salib ta' Ġesù (15,31).

Fil-fatt, fl-Evanġelju skont San Mark, il-qassisin il-kbar huma l-uniku grupp Lhudi, assistit mill-kittieba, li jidhru b'mod dirett responsabbli mill-mewt ta' Ġesù. B'danakollu la n-narratur u lanqas Ġesù ma jagħmel l-ebda kumment ta' evalwazzjoni fuqhom jew fuq l-imġiba tagħhom. Il-karattru tagħhom jiġi żviluppat biss bil-kompliċità tagħhom fil-mewt ta' Ġesù.[8]

IX-XJUĦ jidhru biss f'rabta mal-qassisin il-kbar u l-kittieba għal 5 darbiet. Dawn huma membri oħrajn tas-Sinedriju. Huma wkoll jistaqsu (11,27), jarrestaw (14,43), jinterrogaw (14,53), u jgħaddu lil Ġesù lil Pilatu (15,1).[9]

Iż-żewġ gruppi l-oħra, jissemmew biss b'mod qasir. L-ewwel, l-ERODJANI li jingħaqdu mal-Fariżej f'żewġ okkażjonijiet (3,6; 12,13). L-Erodjani mhumiex magħrufin barra mill-Evanġelju skont San Mark u fit-test parallel li nsibu f'Mattew (12,13, par. Mt 22,16), u wieħed jista' jikkonkludi biss mill-kuntest ta' dawn is-sentenzi li huma

kienu jirrappreżentaw Lhud f'konnessjoni ma' Erodi, bħala figura ta' awtorità Rumana.[10]

Fl-aħħar, is-SADDUĊEJ jidhru jistaqsu lil Ġesù fuq il-qawmien mill-imwiet f'12,18. Il-kontenut, il-forma u l-kuntest tal-mistoqsija jindikaw li d-dehra tagħhom fl-Evanġelju hija waħda ta' opożizzjoni għal Ġesù. Bil-mistoqsijiet tagħhom fittxew li jaqbdu lil Ġesù f'xi nassa.[11]

## Evalwazzjoni

Mingħajr eċċezzjoni, il-gruppi differenti li jissemmew f'Marku jilagħbu parti negattiva b'mod konsistenti kontra Ġesù. Huma jipprovdu ħafna mill-konflitti kontra Ġesù. Wieħed, għalhekk, faċilment jasal għall-konklużjoni li fin-narrattiva tiegħu, Marku apposta jeħodha kontra dawn il-gruppi ta' Lhud u dan jirrifletti anti-Ġudaiżmu b'mod deliberat.

B'danakollu, wieħed irid jistaqsi x'tip ta' anti-Ġudaiżmu qegħdin nifhmu. Wieħed irid iħares tajjeb lejn kif dan ir-rwol ta' avversarji kontra Ġesù jiġi żviluppat. Bl-eċċezzjoni tat-twissija kontra l-pretensjonijiet tal-kittieba fi 12,38-40, Ġesù qatt ma jieħu l-inizzjattiva biex jitkellem b'mod peġorattiv fuq xi wieħed minn dawn il-gruppi Lhud. Kummenti bħal dawn jiġu bħala tweġiba għal xi ħaġa li jkunu qalu jew għamlu (ara, per eżempju, 3,5; 7,6-13; 10,5).

It-tieni, ir-rwol li kull wieħed minn dawn il-gruppi jilgħab fin-narrattiva ta' San Mark tikkorrispondi għal dak li nafu dwarhom minn għejun oħra barra minn dan l-Evanġleju. Dan ir-rwol għandu x'jaqsam ma' kwestjonijiet bażiċi tal-Ġudaiżmu li ħafna drabi kien jinvolvi l-Liġi u t-Tempju.[12]

It-tielet, wieħed għandu jiddetermina jekk ir-rwol ta' dawn il-gruppi jirrappreżentax b'mod ġenerali lil kull wieħed minn dawn il-gruppi, jew inkella lill-poplu. F'kelma oħra, dawn il-gruppi jirrappreżentaw sezzjonijiet differenti fil-Ġudaiżmu jew inkella lil-Lhud kollha?

B'dan f'moħħna nistaqsu, l-anti-Ġudaiżmu li qed



nassumu li jinsab preżenti f'Marku, huwa intenzjonat kontra ċerti fazzjonijiet fil-Ġudaiżmu ta' żmien l-Evanġelista jew kontra l-Lhud kollha bħala poplu? Din il-mistoqsija ssir aktar importanti meta nqisu n-numru ta' gruppi involuti fin-narrattiva.

Biex niġbru fil-qosor dak li għedna, il-ħarsa ħafifa lejn dawn il-gruppi tipprovdi bażi dgħajfa biex wieħed jikkonkludi li Marku jqis lill-poplu Lhud kollu kemm hu b'mod peġorattiv. B'mod ġenerali, l-istampa li Marku jagħti dwar kull persuna Lhudija u dwar il-poplu Lhudi kollu b'mod ġenerali, ma turi l-ebda sentiment ta' anti-Ġudaiżmu. B'kuntrast ma' dan, iżda dawn il-gruppi huma ppreżentati b'mod konsistenti f'konflitt ma' Ġesù li jwassal għall-mewt tiegħu. Huma jirrappreżentaw 'l-awtoritajiet' li jinteressahom l-elementi fundamentali tal-Ġudaiżmu ta' dak iż-żmien, jiġifieri, il-Liġi u t-Tempju. Nistgħu għalhekk inqisu r-rwol tagħhom li jiddefendu dawn l-elementi fundamentali tal-Ġudaiżmu, u li finalment wassal għall-mewt ta' Ġesù, bħala wieħed li jipprovdi bażi għall-anti-Ġudiażmu f'Marku? Jekk iva, fuq liema livell?

San Mark iva jippreżenta lil Ġesù f'konflitt serju ma' bosta gruppi Lhud. F'kull każ, iżda dawn il-konflitti kienu jitrattaw fuq differenzi bejn Ġesù u l-gruppi li jissemmew fuq l-interpretazzjoni tal-Liġi jew il-ħarsien tagħha, jew inkella fuq l-Istituzzjonijiet tar-Reliġjon Lhudija, argumenti li kienu komuni fil-Ġudaiżmu tal-Ewwel Seklu.

Aktar minn hekk, iżda, il-konflitt mal-awtoritiajiet reliġjużi Lhud juri l-mod kif huma fallew milli jagħrfu l-awtorità ta' Ġesù u allura l-mod kif huma warrbuh u ma aċċettawh



bħala "il-Messija, l-Iben l-Imbierek" (14,61). Dan wassal għas-sentenza tal-mewt tiegħu kemm mis-Sandedrin (14,61-65) kif ukoll minn Pilatu (15,15). B'mod ironiku, iżda, kienet fil-mewt tiegħu li mhux biss twettqet ir-rieda ta' Alla iżda wkoll Ġesù ġie muri fil-fatt bħala "il-Messija … Iben ta' Alla" (15,32.39).[13]

Meta dan il-konflitt li wassal għall-mewt ta' Ġesù narawh mill-perspettiva tal-awtoritajiet reliġjużi Lhud li warrbu lil Ġesù, wieħed kważi bilfors għandu jsib xi forma ta' anti-Ġudaiżmu li jenfasizza l-mod kif il-Lhud warrbu l-messaġġ ta' Ġesù u allura l-pjan tas-Salvazzjoni ta' Alla. Iżda wieħed għandu joqgħod attent għal din it-tip ta' konklużjoni meta niġu biex ninterpretaw dan l-Evanġelju. Dan għaliex kif diġà rajna, f'Marku mhumiex il-Lhud kollha iżda biss ċerti awtoritajiet reliġjużi Lhud li warrbu lil Ġesù u allura l-pjan ta' salvazzjoni mħejji minn Alla stess.

Aktar minn hekk, dan il-ġudizzju ma jgħoddx għall-awtoritajiet reliġjużi Lhud kollha. Dan jidher tajjeb mill-istorja ta' Ġajru, il-Kap tas-Sinagoga f'5,21-43; il-kittieb li Ġesù jgħidlu li ma kienx "'il bogħod mis-Saltna ta' Alla" (12,28-34), u Ġużeppi minn Arimatija, li kien "membru magħruf tal-Kunsill, li hu wkoll kien jistenna s-Saltna ta' Alla" (15,43).

## Konkluzjoni

Mela qari b'attenzjoni storiku-letterarju tal-Evanġelju skont San Mark jurina li wieħed ma jista' bl-ebda mod jitkellem minn anti-Semitiżmu f'dan l-Evanġelju, u biss b'mod attent ħafna, jew bi prudenza kbira, b'anti-Ġudaiżmu f'dan l-Evanġelju.[14] Kull interpretazzjoni tal-Evanġelju skont San Mark li tipprova titfa' r-responsabbiltà tal-mewt ta' Ġesù fuq il-poplu Lhudi, hija għalhekk żbaljata. Interpretazzjonijiet bħal dawn waslu biss għall-konsegwenzi diżastrużi matul l-istorja. Fuq kollox, kif ippurvajna nuru f'dan l-artiklu, konklużjonijiet bħal dawn ma jikkorrispondu bl-ebda mod mal-perspettiva tal-Evanġelista San Mark.

## Riferenzi


1 Fuq dan il-punt ara l-istudju ta' D. RHOADS, *Reading Mark, Engaging the Gospel*, Minneapolis 2004.

2 Fost il-ħafna studji fuq id-dixxipli f'San Mark, ara, E. BEST, *Following Jesus. Discipleship in the Gospel of Mark*, Sheffield 1981.

3 Għal kuntrast bejn id-dixxipli u l-folla f'San Mark, ara, S.H. SMITH, *The Literary Structure of Mark 11:1-12:40*, in *The Composition of Mark's Gospel, Selected Studies from Novum Testamentum*, Leiden 1999, 171-191.

4 Fuq it-titlu ta' Ġesù bħala "Sultan tal-Lhud" fir-rakkonti tal-passjoni fl-Evanġelju skont San Mark, ara M.L. SKINNER, *The Trial Narratives, Conflict, Power, and Identity in the New Testament*, Louisville-Kentucky 2010, 33-51.

5 Għal aktar tagħrif fuq dawn il-gruppi ara, E. LOHSE, *The New Testament Environment*, London 1998, 74-119.

6 Fuq dawn il-kontroversji ara, F.J. MOLONEY, *Mark, Storyteller, Interpreter, Evangelist*, Peabody-Massachusetts 2004, 87-93.

7 Fuq ir-rwol tal-Fariżej fl-Evanġelju skont San Mark ara, E.S. MALBON, *Mark's Jesus, Characterization as Narrative Christology*, Waco-Texas 2009.

8 Dwar il-konflitti bejn il-Qassisin il-Kbar u Ġesù, ara J.C. NALUPARAYIL, *The Identity of Jesus in Mark*, Jerusalem 2000.

9 Dwar ir-rwol tal-Qassisin il-Kbar fir-rakkonti tal-Passjoni fl-Evanġelju skont San Mark ara, D. SENIOR, *The Passion of Jesus in the Gospel of Mark*, Minnesota 1991.

10 Għal aktar tagħrif fuq l-Erodjani, ara J.P. MEIER, *A Marginal Jew, Rethinking the Historical Jesus*, vol. 3, New York 2001, 565-568.

11 Fuq dan l-episodju ara, F.J. MOLONEY, *The Gospel of Mark, A Commentary*, Peabody-Massachusetts 2002, 237-239.

12 Fuq din il-konklużjoni ara, A. J. SALDARINI, *Pharisees, Scribes and Sadducees in Palestinian Society*, Wilmington 1988.

13 Fuq dan il-punt ara l-istudju ta' G. BIGUZZI, *"Io Distruggero questo Tempio", Il Tempio e il Giudaismo nel Vangelo di Marco*, Roma 2008.

14 Ara l-preżentazzjoni pastorali fuq dan is-suġġett ta' D. J. HARRINGTON, *The Synoptic Gospels set free, Preaching without Anti-Judaism*, New York 2009, 73-146.



# IŻ-ŻWIEĠ FL-ISKRITTURA (3)

*Fr Paul Sciberras*

## Premessa

F'kull diskors tiegħu fuq iż-żwieġ, Ġesù jippreżenta stampa waħda konsistenti: Alla għamel lill-mara u lir-raġel indaqs u ugwali; huma x-xbieha u l-ikona ta' Alla; dak li għaqqad Alla ma

jistax jifirdu l-bniedem, għax Alla huwa wieħed.

## Ġesù jipproponi mill-ġdid il-pjan oriġinali ta' Alla dwar iż-żwieġ

L-Evanġelju taż-żwieġ li jippreżenta t-Testment il-Qadim b'tant ċarezza u sempliċità jiġi mwassal għall-qofol u mill-ġdid għall-għeruq tiegħu minn Ġesù, il-Verb definittiv tal-Missier. Ġesù ma hux biss l-interpretazzjoni aħħarija, imma jikkonkretizza ż-żwieġ tat-Testment il-Qadim u jmur 'il hemm mis-simbolu li huwa t-Testment il-Qadim. Huwa hu nnifsu l-Għarus, u l-Għarusa huwa l-Poplu l-ġdid ta' dawk li jemmnu fih, il-Knisja.

Id-Dewteronomju (24, 1) kien ta l-konċessjoni tad-divorzju lil-Lhud, imma fuq l-interpretazzjoni ta' dik il-konċessjoni kienu nħolqu żewġ skejjel ta' ħsieb fi żmien Ġesù. L-iskola ta' Xammàj kienet tammetti d-divorzju biss f'każ ta' adulterju; dik ta' Ħillèl kienet tammettih f'kull każ li l-mara ma tibqax togħġob lil żewġha, kienet x'kienet ir-raġuni.

Fil-polemika dwar id-divorzju, kif insibuha f'Mk 10, 1-12; Mt 19, 1-9, ma kienx hemm problema dwar id-divorzju fih innifsu: għall-Fariżej Ġesù, bħal kull Lhudi ieħor li għalih il-Liġi ta' Mosè kienet il-kollox, kien jammetti d-divorzju, imma kellhom il-problema dwar liema pożizzjoni jieħu: jekk hux dik f'każ ta' adulterju, bħall-iskola ta' Xammàj, jew għal kull raġuni, kienet x'kienet, skont l-iskola liberali ta' Ħillèl.

L-ewwel ma jagħmel Ġesù kien li jurihom mill-ewwel li kellu problema diġà biex jammetti d-divorzju! Id-divorzju kien konċess lill-Poplu Lhudi "minħabba l-*qalb* iebsa tagħhom" (Mk 10, 5). Din tal-qalb iebsa kienet tfisser l-istess bħall-'*orlàt lebàb*, jiġifieri l-għeluq tal-bniedem għall-pjan divin, li nsibu fit-Testment il-Qadim, bħal f'Dt 10, 16. Il-proġett ta' Alla dwar iż-żwieġ, il-bniedem ma għandux ifittxu fid-Dewteronomju (= it-Tieni Liġi, dik ta' Mosè) imma "fil-Bidu", fil-Ġenesi (bil-Lhudi, il-Ġenesi huwa *berexìt*, "fil-Bidu", fl-Ewwel Liġi ta' Alla nnifsu), jgħid Ġesù. Fil-Ġenesi, "Alla ħalaqhom raġel u mara; għalhekk mela, raġel iħalli lil ommu u lil missieru u jingħaqad ma' martu, u t-tnejn isiru ġisem wieħed. Għalhekk mhumiex iżjed tnejn, imma ġisem wieħed. Mela dak li għaqqad Alla m'għandux jifirdu l-bniedem. Il-verb li juża Ġesù, "m'għandux jifirdu - *mē khōriżetō*" huwa imperattiv preżent: jiġifieri "*qatt* ma għandu jifirdu l-bniedem")". Irridu ninnutaw, għax ta' importanza fundamentali, li Ġesù ma jikkwotax il-Ġenesi skont it-test oriġinali Lhudi, imma skont il-verżjoni Griega tat-Testment il-Qadim tas-LXX, li kienet il-verżjoni użata mill-Insara tal-bidu. Il-Lhudi ta' Ġen 2, 24 jgħid: *wᵉħajû lᵉbasàr eħàd* - "u *huma* jkunu ġisem wieħed"; is-LXX tgħid: *kai ésontai ħoi dúo eis sárka mían* - "U jkunu t-*tnejn* ġisem wieħed". Interpretazzjoni minn Ġesù qawwija u determinanti ħafna fis-sens monogamiku minn Ġesù: huwa Alla nnifsu li jagħmel mit-tnejn ħaġa waħda, li ma tinfiridx u ma tinħallx. Min jipprova jifred l-għaqda taż-żwieġ ikun jirrifjuta l-proġett oriġinali tal-ħolqien minn Alla nnifsu. Għad-Dewteronomju, ir-raġel biss seta' jħoll lill-mara minnu; Ġesù jisħaq fuq l-oppożizzjoni tiegħu għad-divorzju kemm għar-raġel u kemm għall-mara, billi jirrepeti kemm għall-mara u kemm għar-raġel li jkunu jagħmlu adulterju jekk jinfirdu u jerġgħu jiżżewġu: ara Mk 10, 11-12.

## "Barra mill-każ ta' porneia" f'Mattew 19, 9

It-test ta' Mattew jippreżenta, barra r-rifjut tad-divorzju, frażi li tant qajmet diffikultajiet ta' interpretazzjoni: "barra mill-każ ta' *porneía*" (19, 9). L-Ortodossi u l-Knisja Protestanta tar-Riforma jqisu *porneía* li tfisser "adulterju". Skont din l-interpretazzjoni tal-kelma *porneía*, Ġesù qiegħed jgħid li d-divorzju huwa permess biss f'każ ta' adulterju. Imma jekk hu hekk, Ġesù kien ikun jaċċetta l-interpretazzjoni tal-iskola

ta' Xammàj, u mbagħad ma tiftiehemx iżjed ir-reazzjoni tiegħu għal-Liġi ta' Mosè ("kien biss minħabba l-qalb iebsa tagħkom" – Mk 10, 5 u Mt 19, 8), u lanqas l-istagħġib tad-dixxipli għall-affermazzjoni tiegħu ("Mela ladarba din hi l-kundizzjoni tar-raġel mal-mara, ma jaqbilx li wieħed jiżżewweġ" – Mt 19, 10). Barra minn hekk, kieku *porneía* kienet tfisser biss "adulterju", ma jiftiehemx kif Mattew stess, fil-kap 15, 19, iġib lista ta' sentimenti ħżiena li joħorġu mill-qalb tal-bniedem, u fosthom kelma oħra li tfisser ukoll "adulterju, il-kelma *moikheía*. Jgħid: "Għax mill-qalb joħorġu ħsibijiet ħżiena, qtil, adulterji (*moikheía*), żina (*porneía*), serq, xhieda qarrieqa, dagħa. [20] Dawn huma li jtebbgħu lill-bniedem." Kieku *porneía* tfisser biss "adulterju", kieku Mattew ma kienx iġib il-kelma *moikheía*, li tfisser ukoll "adulterju", eżatt qabilha! Anzi: Mattew jidher li ħa din is-sentenza minn Mark. Issa Mark, fl-istess lista li jġib Mattew, il-kelmiet *moikheía* (adulterju) u *porneía*, iġibhom mifrudin minn xulxin, u Mattew iġibhom waħda ħdejn l-oħra! Kienet tidher iktar ir-ripetizzjoni tal-istess kelma, kieku jfissru l-istess ħaġa u qegħedhom ħdejn xulxin.

L-interpretazzjoni eseġetika l-aktar aċċettata hija dik li tiġbed l-attenzjoni għall-fatt li huwa Mattew biss li jġib dik il-frażi. Mattew kiteb għall-komunità magħmula l-aktar minn Lhud konvertiti għall-Kristjaneżmu fil-Palestina u s-Sirja. Dawn kienu baqgħu jżommu l-konswetudnijiet Lhud li kienu jipprojbixxu dik li hi msejħa *ż-żenût*, jew prostituzzjoni, skont il-kitbiet Rabbiniċi, jiġifieri kull tip ta' unjoni inċestuża bejn il-qraba (ulied mal-ġenituri, ulied mal-kunjata, aħwa mhux mill-istess ġenituri, ulied maz-zijiet ...) li kienu pprojbiti mil-Levitiku 18. Dawn kienu relazzjonijiet aċċettati mil-Liġi Rumana, fis-seħħ dak iż-żmien. Għalhekk il-Konċilju ta' Ġerusalemm f'Atti 15 kien stabilixxa l-bżonn ta' astinenza għal kulħadd mill-*porneía* (vv.20.29), jiġifieri minn dawk iż-żwiġijiet, ikkunsidrati validi mid-Dritt Ruman, imma li kienu meqjusa nulli, għax relazzjonijiet ta' konkubinaġġ, u pprojbiti mil-Liġi Lhudija. In-nisrani mhux biss seta' jħoll dawk ir-relazzjonijiet, imma minħabba li ma kienx żwieġ validu, kellhom id-dover li jaqtgħu mill-komunità lil min kien imdaħħal f'relazzjonijiet bħal dawn u ried jibqa' jgħix fihom (1Kor 5, 1-5).

Ġesù jżomm li l-Evanġelju taż-żwieġ imħabbar minnu għandu jiġi approfondit, meditat, iniżżel għeruqu fil-komunità, fil-Knisja. Dan l-argument u dan it-tagħlim anke l-Evanġelju nnifsu jaf li huwa diffiċli: id-dixxipli jerġgħu jistaqsu lil Ġesù fuqu wara li daħlu d-dar u kienu waħidhom ma' Ġesù (ara Mk 10, 10; Mt 19, 10-11).

## It-tieġ ta' Kana

L-ewwel miraklu li Ġesù għamel tal-bdil tal-ilma f'inbid fit-Tieġ ta' Kana (Ġw 2, 1-12) huwa meqjus bħala ġeneru letterarju tal-"azzjoni profetika", jiġifieri dawk il-ġesti li l-profeti kienu jagħmlu biex iwasslu messaġġ b'mod iktar effettiv (Ġer 13, 1-14 [il-ħżiem immermer]; 19 [il-ġarra tal-fuħħar imkissra]; 24 [il-basket tat-tin]; 27-28, 10 [il-madmad]; Eżk 3, 24 - 5, 17 [l-iskroll]; Żak 11, 15 [l-għodda tar-ragħaj], eċċ). F'Kana l-protagonisti mhumiex l-għarajjes (l-għarusa lanqas biss tissemma). F'Kana jiġi ċċelebrat it-tieġ bejn l-Għarus messjaniku u l-Għarusa tiegħu, rappreżentata minn Marija u d-dixxipli (ninnutaw li Marija hija msemmija bħala mistiedna qabel Ġesù nnifsu). Waħda mix-xbihat spissi ħafna fit-Testment il-Qadim biex tesprimi l-ferħ tal-miġja tal-messija hija l-abbundanza tal-inbid (Għam 9, 13-14; Hos 14, 8; Ġer 49, 10-12; Ġoel 2, 24; 4, 18; Iż 25, 6). F'Kana Ġesù jibdel mirakolożament bejn 400 u 600 litru ta' inbid mill-ifjen ... anke jekk fir-realtà huwa ammont esaġerat, imma li jrid juri l-abbundanza stravaganti. Huwa Ġesù nnifsu l-Għarus,

u hekk huwa ppreżentat fit-TĠ (Mt 9, 15; 25, 1-13; Ġw 3, 29; 2Kor 11, 2; Apk 19, 7-8; 21, 2). Għalhekk Ġesù jakkuża b'adulterju lill-poplu li jirrifjutah (Mk 8, 38; Mt 12, 39; 16, 4).

F'Kana, u bil-preżenza tiegħu u bil-miraklu waqt tieġ, Ġesù jfakkar li kull tieġ huwa simbolu/azzjoni profetika; huwa sinjal ta' realtà li tmur 'il hemm minn dak li jidher; huwa sinjal traxxendenti. Barra minn hekk, huwa jikkonferma t-tjubija u s-sbuħija tal-istituzzjoni taż-żwieġ, billi jieħu sehem fit-tieġ u mad-dixxipli tiegħu (2, 2). Anke jekk "il-ministri" tat-tieġ huma l-għarajjes, Ġesù huwa l-"mistieden" (2, 2) indispensabbli biex it-tieġ jirnexxi. Huwa waħdu li jista' jagħmel li ma jonqosna qatt l-inbid tal-ferħ. Huwa billi nniżżlu għeruq l-imħabba tagħna umana fih li l-inbid tal-imħabba tagħna ma jsirx ilma waħdu. Għalhekk il-miżżewġin Kristjani jiżżewġu fi Kristu (1Kor 7, 39). Il-Knisja, irrappreżentata f'Marija u fid-dixxipli, hija dik li twassal lill-Mulej Ġesù għal għand l-għarajjes, u li titolbu jidħol għalihom (2, 3-5).

## L-Ittra lill-Efesin

Il-kapitlu 5 tal-Ittra lill-Efesin huwa bla dubju t-test li l-iktar jitkellem b'mod espliċitu fuq iż-żwieġ bħala sinjal taż-żwieġ mistiku bejn Kristu u l-Knisja (Ef 5, 21-33).

Nistgħu nqisu l-v.21 bħala t-titlu tat-test kollu: "Oqogħdu għal xulxin fil-biża' ta' Kristu." Jekk San Pawl jgħid lin-nisa (miżżewġin): "Oqogħdu għal żwieġkom bħallikieku għall-Mulej" (v.22), jgħid ukoll: "Intom, l-irġiel, ħobbu n-nisa tagħkom, kif Kristu ħabb il-Knisja u ta ħajtu għaliha" (v.25). Għal-liema sottomissjoni għandhom joqogħdu l-irġiel lejn in-nisa tagħhom, jekk huma msejħa biex jieħdu l-eżempju ("Kif Kristu ħabb ...") ta' dak li "ċekken lilu nnifsu, sar ubbidjenti sal-mewt, u l-mewt tas-salib" (Fil 2, 8)!

Pawlu jirreferi espliċitament f'Ef 5, 21 għall-proġett divin għall-koppja kif inhu f'Ġen 2, 24, u jirrepetih bi xbieha qawwija ħafna: it-tnejn huma bħall-ġisem tar-raġel għall-mara, u bil-maqlub. "Kull wieħed minnkom iqis lill-ieħor daqslikieku ġismu stess" (Ef 5, 28-29)! Min allura jikser il-patt taż-żwieġ, jitfa' lilu nnifsu għall-qerda tiegħu stess, għal esperjenza ta' mewt bħalma hija l-qerda ta' ġismu stess (ara Mal 2, 15): mingħajr il-ġisem ma neżistux bħala bnedmin;



mingħajr l-għaqda taż-żwieġ l-*adàm*, il-bniedem, ma jeżistix.

Ir-rivelazzjoni ċentrali ta' dan it-test hija t-tema taż-żwieġ bejn il-bnedmin bħala ikona tar-rapport bejn Kristu u l-Knisja. Iż-żwieġ isir tassew "*il-misteru kbir* ta' bejn Kristu u l-Knisja" (Ef 5, 32). F'dan il-misteru kbir, iż-żwieġ jingasta ruħu kemm bħala dik it-tħabbira straordinarja li l-Mulej Ġesù jħobbna bħala l-aktar Għarus li jaf iħobb, u kemm bħala rivelazzjoni li ż-żwieġ għandu l-għan li jkun sinjal ta' dan ir-rapport ta' mħabba bejn Kristu u l-Knisja, li San Pawl jiddeskrivi proprju skont l-*istages* taż-żwieġ Lhudi (Ef 5, 26-27).

Jeħtiġilna nidraw inħarsu lejn iż-żwieġ tagħna l-bnedmin proprju bħala din il-profezija ta' Alla. Kull żwieġ jippreżenta l-imħabba nnifisha ta' Alla nnifsu. U b'kull żwieġ nifhmu l-imħabba mġenna bejn l-għarajjes, it-tenerezzi tal-għerusija, il-passjoni tal-imħabba, fit-tiftix u s-sejbien ta' xulxin, fil-fedeltà minkejja t-tentazzjonijiet u saħansitra t-tradimenti tal-*partner*, fil-maħfra jew il-laqgħa mill-ġdid ta' xulxin … f'dan kollu u iktar, trid tidher dejjem l-imħabba ta' Alla għalina, li jinnamra minna bnedmin, li jaċċettana minkejja d-difetti, il-waqgħat u d-dnub tagħna, dejjem lest li jerġa' jilqagħna lura għandu, u jerġa' jibda mill-ġdid kuljum magħna. Tana sinjal, anzi sagrament (sinjal li jidher ta' realtà traxxendenti) ta' dan kollu: iż-żwieġ bejn raġel u mara umani.

Dan it-test, imma, ma jitkellimx fuq l-imħabba ideali bejn Kristu u l-Knisja. Jitkellem ħafna fuq l-imħabba umana miżżewġa: ilkoll irridu naqdu, nikkuraw, nagħtu x'jiekol lill-ieħor, sal-punt li nagħtu ħajjitna għalih, fuq l-eżempju ta' Ġesù (vv.25-28). Il-miżżewġin iħobbu b'imħabba ta' *agápe*, jgħid San Pawl, jiġifieri, b'imħabba li taf tagħti biss, li ma tistenniex lura għall-imħabba tagħha, imħabba li hija Alla nnifsu, għax "Alla hu *agápe*" (1Ġw 4, 8), u mhux biss b'imħabba ta' *filía*, jiġifieri imħabba li tħobb għax iħobbuha, jew dik tal-*éros*, jiġifieri esklussivament għall-pjaċir. Meta San Pawl jgħid: "Intom, l-irġiel, ħobbu n-nisa tagħkom, ***kif*** Kristu ħabb il-Knisja u ta ħajtu għaliha" (v.25; ara wkoll v.29 – "Qatt ħadd ma bagħad 'il ġismu stess, iżda jmantnih u jieħu ħsiebu, bħalma jagħmel Kristu mal-Knisja"), b'dik il-"kif" ma jifhimx biss *bl-istess mod* li Kristu jħobb lill-Knisja (kieku fil-Grieg kien juża avverb ieħor li jfisser il-kif tal-mod: *hōs*, bħalma juża f'Ef 5, 22.24.28.33), imma jifhem *bl-istess imħabba* ta' Kristu għall-Knisja. Huwa biss meta l-miżżewġin jieħdu mill-imħabba ta' Kristu għall-Knisja tiegħu, li jaslu li jħobbu tassew lil xulxin. Huwa biss meta jimtlew b'Alla fit-talb u fis-smigħ tal-Kelma ta' Alla li l-miżżewġin jirnexxilhom jitfawru u jfawru lil xulxin f'kull ċirkustanza, b'dik l-imħabba *agápe* li hi dik li tingħata, totali, dejjem fidila, li ma tippermettix egoiżmu, soda u tenerissima fl-istess ħin, li hija l-istess imħabba ta' Alla nnifsu.

## L-Ewwel Ittra lill-Korintin

Meta kiteb l-Ewwel Ittra lill-komunità liberali tal-Belt ta' Korintu, fejn anke xi wħud mill-Kristjani kienu jaċċettaw li: "Kollox jiswa" (1Kor 6, 12), San Pawl, fil-kap 6 (vv.12-20), jafferma b'mod ċar u tond mhux biss it-tjubija tal-ġisem uman, imma wkoll il-qdusija tiegħu (*qadoxà* - li huwa kunċett Lhudi ta' dak li hu maqtugħ, dedikat għal Alla), b'espressjoni qawwija ħafna: "Il-ġisem mhuwiex għaż-żína (*ou tē porneía*) iżda għall-Mulej, u l-Mulej huwa għall-ġisem" (6, 13). Il-ġisem huwa għalhekk qaddis (litteralment: *qaddis għall-Mulej*), huwa għal Alla, għax huwa Alla nnifsu li jqaddsu: "Il-Mulej huwa għall-ġisem".

Jagħti sitt raġunijiet San Pawl għaliex il-ġisem tal-bniedem hu qaddis, hu għall-Mulej u l-Mulej għall-ġisem.

1) L-ewwel raġuni hija eskatoloġika, jiġifieri: waqt li kull sentiment u tqanqil fiżjoloġiku jintemm bil-mewt, il-ġisem, bħala ġisem jibqa' jgħix, għax hu msejjaħ għall-Qawmien (vv.13-14).

2) Ifakkarna li aħna aħna l-ġisem mistiku: "[15] Ma tafux li l-iġsma tagħkom huma membri ta' Kristu? Jaqaw għandi nagħmel mill-membri ta' Kristu membri ta' mara żienja? Ma jkun qatt! [16] Ma tafux li min jingħaqad ma' mara żienja jsir ġisem wieħed magħha? Isiru, kif tgħid l-Iskrittura, it-tnejn ġisem wieħed." Kull dnub li għandu x'jaqsam mas-sesswalità, ma huwiex biss privat, imma għandu x'jaqsam mal-Knisja kollha, għandu x'jaqsam ma' Kristu nnifsu. Barra minn hekk, San Pawl jgħid, waqt li jirreferi għall-Ġen 2, 24, li kull att sesswali huwa dejjem sinjal ta' komunjoni sħiħa u integrali.

3) Il-Kristjan, min jemmen, qisu miżżewweġ lill-Mulej; il-fornikazzjoni, l-adulterju huwa għalhekk bħall-firda, tkissir ta' dan iż-żwieġ mistiku; huwa adulterju veru u proprju (v.17). Tradiment lejn il-mara huwa tradiment lejn Kristu nnifsu. Kull adulterju tal-bnedmin joffendi direttament l-għaqda mistika ta' min jemmen ma' Kristu.

4) Ir-raba' argument ta' San Pawl huwa l-argument li kull fornikazzjoni hija dnub kontra l-persuna stess li tagħmlu, li jikser f'min jagħmlu x-xbieha u s-sura ta' Alla: "Aħarbu ż-żína! Kull dnub li wieħed jagħmel hu 'l barra minn ġismu, iżda min jagħmel iż-żína jkun qiegħed jidneb kontra ġismu stess."

5) Il-ġisem huwa "tempju tal-Ispirtu s-Santu" li jgħix fil-bniedem (v.19). B'liema attenzjoni għandna nħarsu l-ġisem tagħna u dak tal-oħrajn; liema implikazzjonijiet dan ifisser, mhux biss fil-kamp tal-morali sesswali imma wkoll tal-assistenza, tal-ġustizzja soċjali, tad-drittijiet tal-bniedem, tar-rispett għall-ħajja f'kull ċirkustanza ...!

6) Il-Kristjan, min jemmen, jappartjeni għal Alla: "[19] Ma tafux li intom m'intomx tagħkom infuskom? [20] Bil-għoli kontu mixtrija!" Allura, il-ġisem jsir strument li bih nagħtu glorja lil Alla: "Mela agħtu ġieħ lil Alla permezz ta' ġisimkom" (vv.19-20).

Biex tiġi mħarsa s-sesswalità – għax prezzjuża – diġà kien hemm żewġ kmandamenti fit-Testment il-Qadim: "La tagħmilx adulterju" u "La tixtieqx il-mara ta' għajrek" (Es 20, 14.17). Imma Ġesù jerġa' jeħodhom għall-għeruq tagħhom: "Imma jiena ngħidilkom li kull min iħares lejn mara biex jixtieqha jkun ġa għamel adulterju magħha f'qalbu" (Mt 5, 28).

Fil-kapitlu 7, San Pawl jenfasizza temi bħaż-żwieġ bħala sejħa divina (1Kor 7, 7); il-partijiet miżżewġin huma ta' xulxin (7, 1-4); is-Saltna ta' Alla qabel saħansitra ż-żwieġ (7, 10-11); il-karattru impliċitament Kristjan taż-żwieġ bejn parti li temmen u parti li ma temminx u l-privileġġ Pawlin, meta l-parti li ma temminx titlaq (vv.12-16); il-periklu tal-"firda tal-qalb" bejn Alla u r-rabtiet tal-art (vv.32-35); iż-żwieġ bħala realtà ta' din id-dinja, li bħala profezija tintemm mal-mewt ta' waħda mill-partijiet (v.39).

## L-Ewwel Ittra ta' Pietru

Anke Pietru għandu katekeżi importanti fuq il-ħajja taż-żwieġ (1 Pt 3, 1-7), f'test (1Pt 2, 18 – 3, 10) li jerġa' jimxi bħal f'nisġa letterarja dawk li nsejħulhom "kodiċi tal-familja", li kienu qed jikbru fil-letteratura Ellenistika, u li nsibu xi drabi fit-Testment il-Ġdid (Ef 5, 21 – 6, 9; Kol



3, 18-25; 1 Tim 2, 9-15; Tit 2, 1-9). It-test jinħass iwassal il-kunċett ta' subordinazzjoni tal-mara, tipika tal-kultura ta' dak iż-żmien, bħal f'xi passi oħra ta' San Pawl.

Xi noti: is-sottomissjoni tal-mara (1Pt 3, 1) hija mitluba mill-klima ta' sottomissjoni *reċiproka* li tinfluwenza l-kuntest kollu (1Pt 2, 13.18 ...), fuq l-eżempju ta' Kristu Ġesù: "[21] (li) bata għalikom u ħallielkom eżempju biex timxu fuq il-passi tiegħu" (2, 21-25). L-istess stedina għandu San Pawl (Ef 5, 22), li wkoll kienet taħt it-titlu iktar wiesa' ta' "Oqogħdu għal xulxin fil-biża' ta' Kristu" (5, 21). Dak li jgħid għall-mara, qiegħed jgħidu wkoll għar-raġel.

Pietru jipproponi diversi elementi innovattivi. L-ewwel nett, jippreżenta l-każ fejn il-mara hija Kristjana, u r-raġel jirrifjuta li jilqa' l-Kelma tal-Evanġelju" (3, 1). Huwa element ġdid għal kollox għal dak iż-żmien, li l-mara jkollha l-libertà tal-kuxjenza, u li ma għandhiex bilfors timxi wara t-twemmin tar-raġel. Pietru qiegħed b'hekk jisħaq fuq il-primat tas-Saltna ta' Alla fuq iż-żwieġ innfisu.

Interessanti mbagħad li jipproponi aċċettazzjoni ta' sitwazzjoni ta' żwieġ diffiċli, imma jistieden lin-nisa miżżewġa biex l-irġiel "jintrebħu, mhux bil-kliem, imma bl-imġiba tan-nisa tagħhom" (3, 1-2). Dan jaqbel ma' dak li San Pawl jikkonċedi lill-parti miżżewġa nisranija biss, abbandunata mill-parti li ma temminx, li terġa' tiżżewweġ (imsejjaħ il-Privileġġ Pawlin): "[15] Jekk imbagħad min mit-tnejn ma jemminx, ħa jitlaq; l-aħwa nsara, rġiel jew nisa, f'dan il-każ mhumiex marbuta. Għax Alla sejħilkom biex tgħixu fis-sliem" (1Kor 7, 12-16). Il-proġett Kristjan jista' jitwettaq f'kull ċirkustanza u kundizzjoni, u kundizzjoni ta' subordinazzjoni tista' tiġi ttrasformata f'sitwazzjoni ta' mħabba.

Meta l-ħajja taż-żwieġ issir diffiċli u iebsa, huwa mill-ispirtu interjuri tal-miżżewġin stess li trid tinstab il-forza għal mixja flimkien: "fittxu li żżejnu l-ħajja moħbija f'qalbkom, imlibbsa b'tiżjin li ma jitħassarx; hi l-qalb ħelwa u twajba tagħkom; dan hu li Alla jgħożż ħafna" (1Pt 3, 4). Pietru jkompli li, fil-mumenti diffiċli tal-ħajja taż-żwieġ, il-koppja, u dawk kollha li jistgħu jgħinuha, għandhom ifittxu li jżommu l-paċi interjuri u ġentilezza kbira biex minnhom jerġgħu jibnu l-koppja.

F'1Pt 3, 3, jissemma suġġett jew aspett tal-ħajja ta' kuljum interessanti imma importanti. In-nisa miżżewġin għandhom ifittxu li jiżżejnu interjorment u fl-imġiba tagħhom, mhux f'xagħarhom, fit-tiżjin tad-deheb li jilbsu, fl-ilbiesi ... Pietru jrid iwassal il-messaġġ li l-mara ma tirriduċix ruħha f'oġġett għall-pjaċir ta' ħaddieħor, f'pupa li tużaha u tinqeda biha. Il-ħajja miżżewġa hija mezz biex twassal lill-miżżewġin għall-qdusija (3, 5-6).

Fil-v.7, Pietru jagħmel eżortazzjoni qasira lill-irġiel miżżewġa: eżortazzjoni azzardata għal dak iż-żmien. Kemm l-eżortazzjoni lin-nisa u kemm dik lill-irġiel, jibdew it-tnejn bl-avverb "hekk ukoll" (*ħomoiōs* – vv.1.7), li tqiegħed iż-żewġ eżortazzjonijiet taħt l-istess drittijiet u l-istess dmirijiet lejn xulxin. Kollox, però huwa msejjes fuq relazzjoni soda bejniethom li ssib is-saħħa u s-sostenn fir-relazzjoni tagħhom ma' Alla: "huma wkoll imsejħa għall-grazzja tal-ħajja. Hekk ma ssibux tfixkil fit-talb tagħkom" (v.7).

## Konklużjoni

L-Iskrittura għandha messaġġ ċar ħafna dwar iż-żwieġ: biex il-koppja tgħix iż-żwieġ tagħha skont il-proġett u l-pjan ta' Alla għaliha jeħtiġilha tniżżel għeruqha fil-misteru tal-imħabba tat-Trinità Qaddisa. Jekk id-dimensjoni spiritwali ma tkunx il-ħin kollu sostnuta, il-koppja tinxef u ma tkunx tista' tirrifletti iżjed lilha nnifisha bħala ikona ta' Alla, bħala xbieha ħajja tal-imħabba ta' Alla f'din id-dinja.

## Ġedded l-Abbonament tiegħek

# L-ART Imqaddsa
RIVISTA BIBLIKA




# ABBONAMENT:

## €10 fis-sena
## €15 jew aktar Sostenitur

Toħroġ kull 3 xhur

**Kummissarjat tal-Art Imqaddsa**
8, Triq Santa Luċija,
Valletta, VLT 1213
Malta
Tel: 2124 2254
E-mail: comalt@ofm.org.mt
www.ofm.org.mt

*Jekk irċevejt ir-Rivista b'xejn għaliex ġejt l-Art Imqaddsa mal-Franġiskani, ħallas l-abbonament biex tkompli tirċiviha.*

# Tiġdid
## L-Art Imqaddsa
## 2012

Kunjom ______________________

Isem ______________________

Indirizz ______________________

______________________

______________________

Kodiċi Postali ______________________

Qed nibgħat € ____
bħal abbonament għall-2012



# Fl-Art Imqaddsa mal-Franġiskani - 2012

## 5 Frar - 13 Frar
## 20 Mejju - 28 Mejju
## 15 Lulju - 23 Lulju *
## 5 Awwissu – 13 Awwissu
## 2 Settembru – 10 Settembru

# Art Imqaddsa u Sinaj
## 4 Novembru – 14 Novembru

# Art Imqaddsa u Ġordan
## 9 April – 19 April

** Pellegrinġġ immexxi minn Mons. Arċisqof Pawlu Cremona OP*

**Ikteb jew ċempel:**

**Kummissarjat tal-Art Imqaddsa**
8, Triq Santa Luċija,
Valletta, VLT 1188
Malta
Tel: 2124 2254
E-mail: comalt@ofm.org.mt
www.ofm.org.mt

# ĠEJ BIEX ISALVANA

*Mons. Lawrenz Sciberras*




## *Ktieb għal żmien l-Avvent*

***Mons. Lawrenz Sciberras, biblista, qed joffrilna ktieb li l-iskop tiegħu huwa li jgħinna nqaddsu ż-żmien għażiż tal-Avvent.***

- ***informazzjoni bibblika dwar numru ta' personaġġi prinċipali li għaġnu din l-akbar ġrajja tal-umanità***
- ***materjal utli immens kemm għas-saċerdoti u anke għal-lajċi b'sett ta' omeliji għall-erba' Ħdud tal-Avvent***
- ***materjal għal-Lectio Divina***
- ***spjega tal-antifoni l-kbar tal-Avvent li jingħadu mis-7 sat-23 ta' Diċembru***

***Aqra dan il-ktieb u tifhem aktar u tapprezza iżjed il-liturġija u l-qari li jinstema' fil-knejjes tagħna matul jiem l-Avvent.***

***Dan il-ktieb iħeġġiġna nħobbu aktar lil dak li San Ġorġ Preca kellu tant devozzjoni lejha: "L-Iben t'Alla sar Bniedem u għammar fostna." (Ġw 1,14)***

**Prezz: €6**
**174 Paġni**
**Gozo Press**

**Wieħed jista' jakkwista kopja ta' dan il-ktieb mingħand l-awtur 2155 1420 jew 7906 8166**

# L-Art Imqaddsa mal-Franġiskani

ċempel: 21242254











